# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

4 ta' Ottubru 2011 *

## Werrej


I — Il-kuntest ġuridiku ........ I - 9168

A — Id-dritt internazzjonali ........ I - 9168

B — Id-dritt tal-Unjoni ........ I - 9171

1. Id-direttivi fil-qasam tax-xandir ........ I - 9171

2. Id-direttivi fil-qasam tal-proprjetà intellettwali ........ I - 9178

C — Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ........ I - 9184

II — Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari ........ I - 9186

A — Il-konċessjoni taħt liċenzja tad-drittijiet ta' xandir ta' logħob tal-"Premier League" ........ I - 9186

B — Ix-xandir tal-logħob tal-"Premier League" ........ I - 9188

III — Fuq id-domandi preliminari ........ I - 9203

A — Fuq ir-regoli marbuta mar-riċezzjoni ta' trażmissjonijiet ikkowdjati li joriġinaw minn Stati Membri oħra ........ I - 9203

1. Osservazzjonijiet preliminari ........ I - 9203

2. Id-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali ........ I - 9204


* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

(a) Fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "apparat illeċitu" fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali (l-ewwel domanda fil-Kawża C-403/08, kif ukoll l-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawża C-429/08) . . . . . . . . . . I - 9204

(b) Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali (it-tielet domanda fil-Kawża C-429/08) . . . . . . . . . . I - 9206

(c) Fuq id-domandi l-oħra li jirrigwardaw d-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali . . . . . . . . . . I - 9208

3. Ir-regoli tat-Trattat FUE fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi . . . . . . . . . . I - 9208

(a) Fuq il-projbizzjoni tal-importazzjoni, tal-bejgħ u tal-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin [id-domanda 8(b) u l-ewwel parti tad-disa' domanda fil-Kawża C-403/08, kif ukoll id-domanda 6(i) fil-Kawża C-429/08] . . . . . . . . . . I - 9208

(i) Fuq l-identifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli . . . . . . . . I - 9209

(ii) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertŕ li jiġu pprovduti servizzi . . . . . . . . . . I - 9210

(iii) Fuq il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi permezz ta' għan ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali . . . . . . . . . . I - 9212

— Osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . . I - 9212

— Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . . . . . . I - 9213

(iv) Fuq il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi permezz tal-għan li tiġi inkoraġġita l-preżenza tal-pubbliku fl-istejdjums tal-futbol . . . . . . . . . . I - 9219

(b) Fuq l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin wara l-indikazzjoni ta' identitŕ falza u ta' indirizz falz u fuq l-użu ta' dawn l-apparati għal finijiet kummerċjali [id-domanda 8(c) fil-Kawża C-403/08 u d-domanda 6(ii) u (iii) fil-Kawża C-429/08] . . . . . . . . . . I - 9220

(c) Fuq id-domandi l-oħra dwar il-moviment liberu (it-tieni parti tad-disa' domanda fil-Kawża C-403/08 u s-seba' domanda fil-Kawża C-429/08) ..... I - 9222

4. Ir-regoli tat-Trattat FUE fil-qasam tal-kompetizzjoni ..... I - 9223

B — Fuq ir-regoli marbuta mal-użu tat-trażmissjonijiet wara r-riċezzjoni tagħhom I - 9226

1. Osservazzjonijiet preliminari ..... I - 9226

2. Fuq id-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (ir-raba' domanda fil-Kawża C-403/08) ..... I - 9228

3. Fuq l-eċċezzjoni tad-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (il-ħames domanda fil-Kawża C-403/08) ..... I - 9230

(a) Osservazzjonijiet preliminari ..... I - 9230

(b) Fuq l-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur ..... I - 9232

4. Fuq il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (is-sitt domanda fil-Kawża C-403/08) ..... I - 9236

5. Fuq l-effett tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita (is-seba' domanda fil-Kawża C-403/08) ..... I - 9242

IV — Fuq l-ispejjeż ..... I - 9242

Fil-Kawżi magħquda C-403/08 u C-429/08,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division (ir-Renju Unit), u mill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division

(Administrative Court) (ir-Renju Unit), b'deċiżjonijiet tal-11 u tat-28 ta' Lulju 2008, li waslu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 u fid-29 ta' Settembru 2008 rispettivament, fil-proċeduri

**Football Association Premier League Ltd,**

**NetMed Hellas SA,**

**Multichoice Hellas SA**

vs

**QC Leisure,**

**David Richardson,**

**AV Station plc,**

**Malcolm Chamberlain,**

**Michael Madden,**

**SR Leisure Ltd,**

**Philip George Charles Houghton,**

**Derek Owen** (C-403/08)

u

**Karen Murphy**

vs

**Media Protection Services Ltd** (C-429/08)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev u J.-J. Kasel, Presidenti ta' Awla, A. Borg Barthet, M. Ilešič, J. Malenovský (Relatur) u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ottubru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Football Association Premier League Ltd, NetMed Hellas SA u Multichoice Hellas SA, minn J. Mellor, QC, N. Green, QC, C. May, A. Robertson, barristers, S. Levine, M. Pullen u R. Hoy, solicitors,

— għal QC Leisure, D. Richardson, AV Station plc, M. Chamberlain u M. Madden, SR Leisure Ltd, P.G.C. Houghton u D. Owen, minn M. Howe, QC, A. Norris, S. Vousden, T. St Quentin kif ukoll minn M. Demetriou, barristers, P. Dixon u P. Sutton, solicitors,

— għal K. Murphy, minn M. Howe, QC, W. Hunter, QC, M. Demetriou, barrister, u P. Dixon, solicitor,

— għal Media Protection Services Ltd, minn J. Mellor, QC, N. Green, QC, H. Davies, QC, C. May kif ukoll minn A. Robertson u P. Cadman, barristers,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn V. Jackson u S. Hathaway, bħala aġenti, assistiti minn J. Stratford, QC,

— għall-Gvern Ċek, minn K. Havlíčková, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn N. Díaz Abad, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn L. D'Ascia, avvocato dello Stato,

— għall-Parlament Ewropew, minn J. Rodrigues u L. Visaggio, bħala aġenti,

— għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn F. Florindo Gijón u G. Kimberley, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn X. Lewis, H. Krämer, I. V. Rogalski, J. Bourke u J. Samnadda, bħala aġenti,

— għall-Awtorità tas-sorveljanza EFTA, minn O. J. Einarsson u M. Schneider, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni

— tad-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 1998, dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 147, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali"),

— tad-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE, tas-27 ta' Settembru 1993, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 134, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita"),

— tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224), kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 321, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'televiżjoni mingħajr fruntieri'"),

— tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur"),

— kif ukoll tal-Artikoli 34 TFUE, 36 TFUE, 56 TFUE u 101 TFUE.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' kwistjonijiet bejn, minn naħa, Football Association Premier League Ltd. (iktar 'il quddiem "FAPL"), NetMed Hellas SA (iktar 'il quddiem "NetMed Hellas") u Multichoice Hellas SA (iktar 'il quddiem "Multichoice Hellas") (iktar 'il quddiem, flimkien, "FAPL *et*") u, min-naħa l-oħra, QC Leisure, D. Richardson, AV Station plc (iktar 'il quddiem "AV Station"), M. Chamberlain u M. Madden, SR Leisure Ltd, P.G.C. Houghton u D. Owen (iktar 'il quddiem, flimkien, "QC Leisure *et*") (fil-Kawża C-403/08), kif ukoll bejn, minn naħa, K. Murphy u, min-naħa l-oħra, Media Protection Services Ltd. (iktar 'il quddiem "MPS") (fil-Kawża C-429/08), fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu, fir-Renju Unit, ta' apparati ta' dekodifikazzjoni li jagħtu aċċess għas-servizzi ta' xandir bis-satellita minn organizzazzjoni tax-xandir, immanifatturati u kkummerċjalizzati bl-awtorizzazzjoni ta' din l-organizzazzjoni, iżda huma użati, kontra r-rieda ta' din tal-aħħar, barra miż-żona ġeografika li għaliha dawn ngħataw (iktar 'il quddiem l-"apparati ta' dekodifikazzjoni barranin").

## I — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt internazzjonali*

3 Il-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ u li jikkostitwixxi l-Anness 1C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), iffirmat f'Marakexx fil-15 ta' April 1994, ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

4 L-Artikolu 9(1) tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ jipprovdi:

"Il-Membri għandhom iħarsu lejn l-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta' Berne (1971) u l-Appendiċi tagħha. Madankollu, il-Membri ma għandhomx ikollhom id-drittijiet jew l-obbligi taħt dan il-Ftehim dwar id-drittijiet mogħtija taħt l-Artiklu 6bis ta' dik il-Konvenzjoni jew id-drittijiet li joħorġu minnu."

5 Skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni ta' Berne għall-protezzjoni tax-xogħlijiet letterarji u artistiċi (Att ta' Pariġi tal-24 ta' Lulju 1971), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-emenda tat-28 ta' Settembru 1979 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Berne"):

"L-awturi ta' xogħlijiet drammatiċi, drammatiko-mużikali u mużikali jgawdu minn dritt esklużiv li jawtorizzaw:

i) wirjiet pubbliċi tax-xogħlijiet tagħhom, inklużi l-wirjiet pubbliċi b'kull mezz jew proċess;

ii) it-trażmissjoni pubblika b'kull mezz tal-wirjiet tax-xogħlijiet tagħhom." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 L-Artikolu 11 bis(1) tal-Konvenzjoni ta' Berne jipprovdi:

"L-awturi ta' xogħlijiet letterarji jew artistiċi protetti minn din il-konvenzjoni jgawdu d-dritt esklużiv li jawtorizzaw:

i) ix-xandir tax-xogħlijiet tagħhom jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' dawn ix-xogħlijiet b'kull mezz ieħor għax-xandir mingħajr fili tas-sinjali, tal-ħsejjes jew tal-immaġni;

ii) kull komunikazzjoni lill-pubbliku, kemm bil-fili kif ukoll mingħajr fili, tax-xogħol imxandar, meta din il-komunikazzjoni hija magħmula minn korp li ma huwiex l-oriġinali;

iii) il-komunikazzjoni lill-pubbliku, permezz ta' lawdspiker jew permezz ta' kull strument ieħor simili li jittrażmetti sinjali, ħsejjes jew immaġni, tax-xogħol imxandar." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 L-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali (WIPO) adottat f'Ġinevra, fl-20 ta' Diċembru 1996, it-Trattat tal-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi (iktar 'il quddiem it-"Trattat dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi") kif ukoll it-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur (iktar 'il quddiem it-"Trattat dwar id-drittijiet tal-awtur"). Dawn iż-żewġ trattati kienu ġew approvati f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/278/KE, tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208).

8 Skont l-Artikolu 2(g) tat-Trattat dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi:

"Għall-finijiet ta' dan it-trattat:

[...]

g) 'komunikazzjoni lill-pubbliku' ta' prestazzjoni jew fonogramma tfisser it-trażmissjoni lill-pubbliku, b'kull mezz għajr dak tax-xandir frekwenzjali, ta' ħsejjes li joriġinaw minn prestazzjoni jew ta' ħsejjes jew rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes stabbiliti f'fonogramma. Għall-finijiet tal-Artikolu 15, il-kliem 'komunikazzjoni lill-pubbliku' jinkludu wkoll il-fatt li l-ħsejjes jew ir-rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes stabbiliti f'fonogramma jiġu reżi awdibbli għall-pubbliku." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9 L-Artikolu 15(1) ta' dan it-trattat jistipula:

"L-artisti li jagħmlu prestazzjonijiet u l-produtturi ta' fonogrammi għandhom dritt għal rimunerazzjoni ġusta waħda meta fonogrammi ppubblikati għall-finijiet ta' kummerċ jintużaw direttament jew indirettament għax-xandir frekwenzjali jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

10 It-Trattat dwar it-drittijiet tal-awtur jipprovdi fl-Artikolu 1(4) tiegħu li l-partijiet kontraenti għandhom ikunu konformi mal-Artikoli 1 sa 21 u mal-Anness tal-Konvenzjoni ta' Berne.

B — *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-direttivi fil-qasam tax-xandir

11 It-tielet premessa tad-Direttiva "televiżjoni mingħajr fruntieri" tipprovdi:

"[...] xandiriet trasmessi tul il-fruntieri permezz ta' teknoloġiji varji huma wieħed mill-mezzi għat-twettiq ta' l-objettivi tal-Komunità; [...] għandhom jiġu adottati miżuri sabiex jippermettu u jassiguraw it-transizzjoni minn swieq nazzjonali għal suq ta' programm komuni ta' produzzjoni u distribuzzjoni u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta mingħajr preġudizzju għar-rwol ta' l-interess pubbliku li għandu jiġi mwettaq mis-servizzi tax-xandir bit-televiżjoni."

12 Skont il-wieħed u għoxrin premessa tad-Direttiva 97/36:

"[…] avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà għandhom, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, jissodisfaw ċerti kriterji, jiġifieri li jkunu avvenimenti eċċezzjonali li huma ta' interess għall-pubbliku inġenerali fl-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru partikolari jew f'parti importanti li hija komponent tad Stat Membru partikolari u li jkunu organizzati minn qabel minn organizzatur ta' l-avvenimenti li huwa legalment intitolat li jbigħ id-drittijiet li jappartjenu għal dak l-avveniment".

13 It-tielet, il-ħames, is-seba', l-erbatax, il-ħmistax u s-sbatax-il premessa tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita jipprovdu:

"(3) […] xandiriet trasmessi bejn fruntieri fil-Komunità, b'mod partikolari permezz tas-satellita jew cable, huma wieħed mill-modi l-aktar importanti biex ikunu milħuqa […] għanijiet tal-Komunità, li jkunu fl-istess ħin politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali u legali;

[…]

(5) […] dawk li jkollhom jeddijiet huma esposti għat-theddida li jaraw ix-xogħlijiet tagħhom sfruttati mingħajr ħlas ta' remunerazzjoni jew li dawk l-individwi li jkollhom jeddijiet esklussivi f'diversi Stati Membri jimblukkaw l-isfruttar tal-jeddijiet tagħhom; […] l-inċertezza legali b'mod partikolari tikkostitwixxi ostakolu dirett għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' programmi fil-Komunità;

[…]

(7) […] x-xandir liberu ta' programmi hu wkoll impedit minħabba l-inċertezza legali preżenti dwar jekk xandir bis-satellita li s-sinjali tagħha jistgħu jkunu rċevuti direttament jaffettwa l-jeddijiet fil-pajjiż ta' trasmissjoni biss jew fil-pajjiżi kollha ta' reception flimkien; […]

[…]

(14) […] l-inċertezza legali dwar il-jeddijiet li għandhom ikunu akkwistati li timpedixxi xandir bis-satellita minn fruntiera għal oħra għandha tkun megħluba billi jkun definit il-kunċett ta' komunikazzjoni mal-pubbliku permezz tas-satellita fuq livell tal-Komunità; […] din id-definizzjoni għandha fl-istess waqt tispeċifika fejn isir l-att ta' komunikazzjoni; […] dik it-tifsira hi meħtieġa biex tkun evitata l-applikazzjoni kumulattiva ta' diversi liġijiet nazzjonali għal att wieħed ta' xandir; […]

(15) […] l-akkwist fuq bażi kuntrattwali ta' jeddijiet esklussivi ta' xandir għandu jkun konformi ma' kull leġislazzjoni dwar drittijiet ta' l-awtur u jeddijiet dwar drittijiet ta' l-awtur fl-Istati Membri li fihom isseħħ il-komunikazzjoni mal-pubbliku bis-satellita;

[…]

(17) […] biex wieħed jasal għall-ammont tal-pagament li għandu jsir għall-jeddijiet akkwistati, il-partijiet għandhom jikkunsidraw l-aspetti kollha tax-xandir, bħall-udjenza attwali, l-udjenza potenzjali u l-verżjoni tal-lingwa".

14 Skont l-Artikolu 1(2)(a) sa (c) ta' din id-direttiva:

"(a) Għall-fini ta' din id-Direttiva, 'komunikazzjoni lill-pubbliku permezz tas-satellita' tfisser l-att li jkunu introdotti, taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' l-organizzazzjoni tax-xandir, is-sinjali li jġorru l-programm maħsuba għal reception mill-pubbliku f'katina mhux interrotta ta' komunikazzjoni li twassal sas-satellita u 'l isfel lejn id-dinja.

(b) L-att ta' komunikazzjoni mal-pubbliku permezz ta' satellita jseħħ biss fl-Istati Membri billi, taħt il-kontroll u responsabbiltà ta' l-organizzazzjoni tax-xandir, is-sinjali li jġorru l-programm huma introdotti f'katina mhux interrotta ta' komunikazzjoni li twassal lejn is-satellita u 'l isfel lejn id-dinja.

(c) Jekk is-sinjali li jġorru programmi huma encrypted, allura jkun hemm komunikazzjoni mal-pubbliku permezz tas-satellita bil-kondizzjoni li l-mezzi għal decrypting ix-xandir ikunu provduti lill-pubbliku mill-organizzazzjoni tax-xandir jew bil-kunsens tagħha."

15 L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita jipprovdi:

"Stati Membri li jkollhom jedd li jxandru għandhom jipprovdu jedd esklussiv għall-awtur li jawtorizza l-komunikazzjoni mal-pubbliku permezz tas-satellita ta' xogħlijiet li jkollhom id-drittijiet ta' l-awtur, bla ħsara għad-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan il-kapitolu."

16 It-tieni, it-tielet, is-sitt u t-tlettax-il premessa tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali jipprovdu:

"(2) […] l-disposizzjoni trans-fruntieri tas-soċjetà tas-servizzi tax-xandir u l-informazzjoni tista' tikkontribwixxi, mill-punto di vista individwali għall-effettività sħiħa tal-libertà ta' l-espressjoni bħala dritt fundamentali, u mill-punto di vista kollettiv, għall-ksib ta' l-għanijiet stabbiliti fit-Trattat;

(3) […] t-Trattat jipprovdi għall-moviment liberu tas-servizzi kollha li huma soltu pprovduti bi ħlas; […] dan id-dritt, kif applikat għas-servizzi tas-soċjetà tax-xandir u l-informazzjoni, huwa wkoll manifestazzjoni speċifika fil-liġi tal-Komunità ta' prinċipju aktar ġenerali, prinċipalment il-libertà ta' l-espressjoni kif inhi misjuba fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fondamentali; […] dak l-Artikolu espliċitament jagħraf id-dritt taċ-ċittadini li jirċievu u jaqsmu bejniethom informazzjoni bla ebda konsiderazzjoni tal-fruntieri u […] kwalunkwe restrizzjoni ta' dak id-dritt għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjoni ċara ta' l-interessi leġittimi oħra li huma mistħoqqa ta' protezzjoni legali;

[…]

(6) […] l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali jipprovdu l-potenzjal biex titkabbar l-għażla tal-konsumatur u l-kontrubuzzjoni għal-pluraliżmu kulturali, permezz tal-iżvilupp ta' servizzi aktar vasti fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikoli [56 TFUE u 57 TFUE]; […] l-vijabbilità ta' dawk is-servizzi ta' spiss sejra tiddependi mill-użu ta' l-aċċess kondizzjonali sabiex ikun akwistat ħlas għal min jipprovdi s-servizz, […] għalhekk, il-protezzjoni legali ta' dawk li jipprovdu s-servizz kontra mezzi illeċiti li jippermetti l-aċċess għal dawn is-servizzi bla ħlas ma tidhirx neċessarja biex tassigura l-vijabbilità ekonomika ta' dawn is-servizzi;

[…]

(13) […] jidher neċessarju li jkun assigurat li l-Istati Membri jipprovdu protezzjoni legali xierqa kontra l-ippjazzar fuq is-suq, għal gwadanni finanzjarji diretti jew indiretti, ta' apparat illeċitu li jippermetti jew jiffaċilita mingħajr awtorità l-ksur tal-liġi ta' xi miżuri teknoloġiċi ddisinjati li jipproteġu l-ħlas għal servizz legalment ipprovdut".

17 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) servizz protett għandu jfisser kwalunkwe mis-servizzi li ġejjin, meta pprovduti bi ħlas u fuq il-bażi ta' aċċess kondizzjonali:

— xandir bit-televiżjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 1(a) tad-[Direttiva 'televiżjoni mingħajr fruntieri'],

[…]

(b) aċċess kondizzjonali għandha tfisser kwalunkwe miżura teknika u/jew arranġament li permezz tiegħu aċċess għas-servizz protett f'forma konkreta hu magħmul kondizzjonali fuq l-awtorizzazzjoni individwali magħmula minn qabel;

(c) apparat ta' l-aċċess kondizzjonali għandu jfisser apparat jew programmi (tal-kompjuter) iddisinjat jew adattat li jagħti aċċess għal servizz protett f'forma konkreta;

[…]

(e) apparat illeċitu għandu ifisser apparat jew programmi (tal-kompjuter) iddisinjat jew adattat li jagħti aċċess għal servizz protett f'forma konkreta mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' min jipprovdi s-servizz;

(f) kamp ikkordinat minn din id-Direttiva għandu jfisser kwalunkwe disposizzjoni li għandha x'taqsam mal-ksur ta' l-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 4."

18 Skont l-Artikolu 3 ta' din l-istess direttiva:

"1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jipprojbixxi fuq it-territorju tiegħu l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 4, u biex jipprovdi għas-sanzjonijiet u rimedji stabbiliti fl-Artikolu 5.

2. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1, l-Istati Membri ma jistgħux:

(a) jirrestrinġu l-disposizzjoni tas-servizzi protetti, jew is-servizzi assoċjati li joriġinaw fi Stati Membru ieħor; jew

(b) jirrestrinġu l-moviment liberu ta' apparat ta' l-aċċess kondizzjonali; għal raġunijiet li jaqgħu fil-kamp ikkoordinat minn din id-Direttiva."

19 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu fuq ir-territorju tagħhom l-attivitajiet segwenti kollha:

(a) il-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, l-bejgħ, il-kera jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali ta' apparat illeċitu;

(b) l-istallazzjoni, il-manteniment jew ir-rimpjazzament għal skopijiet kummerċjali ta' apparat illeċitu;

(c) l-użu ta' komunikazzjonijiet kummerċjali biex ikunu promossi apparat illeċitu."

2. Id-direttivi fil-qasam tal-proprjetà intellettwali

20 Id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur tistipula fid-disa', l-għaxar, il-ħmistax, l-għoxrin, it-tlieta u għoxrin, il-wieħed u tletin u kif ukoll it-tlieta u tletin premessa:

"(9) Kull armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tkun bażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, għar-raġuni li dawn id-drittijiet huma kruċjali għall-kreazzjoni intellettwali. [...]

(10) Jekk awturi jew artisti għandhom ikomplu bix-xogħol kreattiv u artistiku tagħhom, huma għandhom jirċievu kumpens xieraq għall-użu tax-xogħol tagħhom […]

[…]

(15) […] Din id-Direttiva sservi […] biex timplimenta għadd ta' obbligi internazzjonali ġodda [li joħorġu mit-Trattat dwar id-drittijiet tal-awtur u t-trattat dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi].

[…]

(20) Din id-Direttiva hija bbażata fuq prinċipji u regoli diġà stipulati fid-Direttivi preżentement fis-seħħ [fil-qasam tal-proprjetà intellettwali], b'mod partikolari [d-Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE, tad-19 ta' Novembru 1992, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120)], u tiżviluppa dawk il-prinċipji u regoli u tpoġġihom fil-kuntest tas-soċjetà ta' l-informazzjoni. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dawn id-Direttivi, kemm-il darba ma jkunx hemm provdut mod ieħor f'din id-Direttiva.

[...]

(23) Din id-Direttiva għandha tarmonizza aktar id-dritt ta' l-awtur li jikkomunika mal-pubbliku. Dan id-dritt għandu jiftiehem f'sens wiesa' li jirregola l-komunikazzjoni kollha lill-pubbliku mhux preżenti fil-post fejn toriġina l-komunikazzjoni. Dan id-dritt għandu jirregola kull trasmissjoni jew trasmissjoni mill-ġdid bħal din

ta' xogħol lill-pubbliku b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, inkluż ix-xandir. Dan id-dritt m'għandu jirregola l-ebda att ieħor.

[...]

(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. [...]

[...]

(33) Id-dritt esklussiv ta' riproduzzjoni għandu jkun bla ħsara għal eċċezzjoni biex tippermetti ċerti atti ta' riproduzzjoni temporanja, li huma riproduzzjonijiet temporanji jew inċidentali, li jagħmlu parti integrali u essenzali mill-proċess teknoloġiku u mwettaq għal fini unika li tippermetti jew trasmissjoni effiċjenti f'network bejn partijiet terzi permezz ta' intermedjarju, jew użu legali ta' xogħol jew suġġett ieħor li għandu jsir. L-atti ta' riproduzzjoni relatati m'għandu jkollhom l-ebda valur ekonomiku separat għalihom waħedhom. Sa fejn dawn jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet, din l-eċċezzjoni għandha tinkludi atti li bihom jista' jsir browsing kif ukoll atti ta' ħażna, inklużi dawk li bihom jagħmluha possibbli għal sistemi ta' trasmissjoni li jiffunzjonaw b'mod effiċjenti, kemm-il darba li l-intermedjarju ma jimmodifikax l-informazzjoni u ma jfixkilx l-użu legali tat-teknoloġija, rikonoxxuta b'mod wiesgħa u użata mill-industrija, biex jikseb data dwar l-użu ta' l-informazzjoni. Użu għandu jiġi kkunsidrat legali fejn ikun awtorizzat mid-detentur tad-drittijiet jew ma jkunx ristrett bil-liġi."

21 Fi kliem l-Artikolu 2(a) u (e) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

(a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

[…]

(e) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, ta' l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet huma trasmessi bil-fili sew jekk bl-arja, magħduda bil-cable jew bis-satellita."

22 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom."

23 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Atti temporanji ta' riproduzzjoni msemmija fl-Artikolu 2, li huma temporanji jew inċidentali, li huma parti integrali u essenzjali tal-proċess teknoloġiku u li l-iskop uniku tagħhom huwa li jkunu jistgħu jsiru:

(a) trasmissjoni f'network bejn partijiet terzi minn intermedju, jew

(b) użu legali

ta' xogħol jew suġġett ieħor li għandu jsir, u li ma jkollhom ebda sinifikat ekonomiku indipendenti, għandhom ikunu eżenti mid-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2.

[…]

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 fil-każi li ġejjin:

[…]

(i) inklużjoni inċidentali ta' xogħol jew suġġett f'materjal ieħor;

[…]

5. L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet."

24 Skont il-ħames premessa tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (verżjoni kodifikata) (ĠU L 376, p. 28, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar id-drittijiet relatati":

"Ix-xogħol kreattiv u artistiku ta' awturi u artisti jeħtieġ dħul adegwat bħala bażi għal aktar xogħol kreattiv u artistiku, u l-investimenti meħtieġa b'mod partikulari għall-produzzjoni ta' fonogrammi u films huma għoljin u riskjużi. [...]"

25 L-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawn ix-xandiriet ikunu trażmessi bil-fili sew jekk bl-ajru, inklużi bil-kejbil jew bis-satellita.

26 L-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklussiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk din il-komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul."

27 Il-ħames premessa u l-Artikoli 7(2) u 8(3) tad-Direttiva dwar id-drittijiet relatati jirriproduċu, essenzjalment, is-seba’ premessa u l-Artikoli 6(2) u 8(3) tad-Direttiva 92/100.

C — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

28 Skont l-Artikolu 297(1) tal-Att tal-1988 dwar id-drittijiet tal-awtur, id-disinni u l-privattivi (Copyright, Designs and Patents Act 1988, iktar ’il quddiem l-“Att dwar id-drittijiet tal-awtur, id-disinni u l-privattivi”):

“Persuna li tirċievi, b’mod frawdolenti, programm inkluż f’servizz ta’ xandir ipprovdut minn post fir-Renju Unit bl-intenzjoni li tevita l-ħlas ta’ kwalunkwe prezz dovut għar-riċezzjoni tal-programm twettaq reat suġġett, fuq kundanna sommarja, għal piena ta’ multa li ma teċċedix il-livell 5 tal-iskala ta’ riferiment.”

29 L-Artikolu 298 ta’ dan l-istess att jipprovdi:

“1. Persuna li

(a) titlob ħlasijiet għar-riċezzjoni ta’ programmi inklużi f’servizz ta’ xandir ipprovdut minn post fir-Renju Unit jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, jew

(b) tibgħat trażmissjonijiet ikkowdjati ta' kull tip ieħor minn post fir-Renju Unit jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor,

[…]

tibbenefika mid-drittijiet u rimedji li ġejjin.

2. Hija għandha l-istess drittijiet u rimedji kontra persuna

(a) li

(i) tipproduċi, timporta, tiddistribwixxi, tbigħ jew tislef, toffri jew tesponi għall-bejgħ jew għall-kiri, jew tirriklama għall-bejgħ jew għall-kiri,

(ii) iżżomm fil-pussess tagħha għal finijiet kummerċjali, jew

(iii) tinstalla, iżżomm jew tibdel għal finijiet kummerċjali,

kull apparat intiż jew adattat sabiex jippermetti li persuni jkollhom aċċess għall-programmi jew għal trażmissjonijiet oħra jew sabiex jagħtihom għajnuna għal dan il-għan jew sabiex jevita t-teknoloġija ta' aċċess kundizzjonali marbut mal-programmi jew ma' trażmissjonijiet oħra, meta dawn ma humiex awtorizzati għal dan, […]

[…]

bħalma għandu proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur.

[…]"

## II — Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

30 FAPL tamministra l-"Premier League", il-kampjonat ewlieni tal-futbol professjonali għall-klabbs tal-futbol stabbiliti fl-Ingilterra.

31 L-attivitajiet ta' FAPL jinkludu, b'mod partikolari, l-organizzazzjoni tal-iffilmjar tal-logħob tal-"Premier League" u l-eżerċizzju, fir-rigward ta' dan il-logħob, ta' drittijiet ta' xandir televiżiv, jiġifieri drittijiet sabiex il-kontenut awdjoviżiv ta' logħob sportiv jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' xandir televiżiv (iktar 'il quddiem id-"drittijiet ta' xandir").

### A — *Il-konċessjoni taħt liċenzja tad-drittijiet ta' xandir ta' logħob tal-"Premier League"*

32 FAPL tagħti konċessjoni taħt liċenzja ta' dawn id-drittijiet ta' xandir, b'mod dirett, fuq bażi territorjali u għal perijodi ta' tliet snin. F'dan ir-rigward, l-istrateġija ta' FAPL hija dik li tipprovdi dan il-kampjonat lit-telespettaturi madwar id-dinja kollha, filwaqt li tkabbar il-valur ta' dawn id-drittijiet favur il-membri tagħha li huma l-klabbs.

33 Għalhekk, dawn id-drittijiet jingħataw lill-organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv permezz ta’ proċedura ta’ kompetizzjoni miftuħa li tibda bis-sejħa għal offerti fuq bażi dinjija, reġjonali jew ta’ żona b’żona. Imbagħad, id-domanda tiddetermina l-bażi territorjali li fuqha FAPL tbigħ id-drittijiet internazzjonali tagħha. Madankollu, bħala prinċipju, din il-bażi hija nazzjonali peress li hemm biss domanda limitata min-naħa ta’ offerenti għad-drittijiet dinjija jew pan-Ewropej, inkwantu l-organizzazzjonijiet tax-xandir normalment joperaw fuq bażi territorjali u jaqdu s-suq domestiku fil-pajjiż tagħhom stess jew f’numru żgħir ta’ pajjiżi ġirien li jkollhom lingwa komuni.

34 Meta offerent jikseb, għal żona, pakkett ta’ drittijiet ta’ xandir dirett ta’ logħob tal-“Premier League”, dan jingħata d-dritt esklużiv tax-xandir tagħhom tagħhom f’din iż-żona. Skont FAPL, dan huwa neċessarju għal ksib tal-aqwa valur kummerċjali ta’ dawn id-drittijiet kollha, peress li l-organizzazzjonijiet tax-xandir huma lesti li jħallsu premium sabiex jiksbu din l-esklużività, peress li din tippermettilhom jiddistingwu s-servizzi tagħhom minn dawk ipprovduti mill-kompetituri tagħhom u jżidu għalhekk il-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw dħul.

35 Issa, għall-finijiet tal-protezzjoni tal-esklużività territorjali tal-organizzazzjonijiet tax-xandir kollha, kull waħda minnhom tintrabat, fil-ftehim ta’ liċenzjar tagħha ma’ FAPL, li timpedixxi lill-pubbliku milli jirċievi x-xandiriet tagħha barra miż-żona li għaliha hija għandha liċenzja. Minn banda, dan jippresupponi li kull organizzazzjoni tiżgura li x-xandiriet kollha tagħha li jkunu jistgħu jiġu rċevuti barra minn dan it-territorju — partikolarment dawk trażmessi bis-satellita — ikunu kkowdjati sewwa u li dawn ma jkunux jistgħu jiġu rċevuti f’għamla li ma tkunx ikkowdjata. Mill-banda l-oħra, l-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiżguraw li ebda apparat ma jkun xjentement awtorizzat li jippermetti lil kwalunkwe persuna li tara t-trażmissjonijiet tagħhom barra mit-territorju kkonċernat. Konsegwentement, dawn l-organizzazzjonijiet huma b’mod partikolari pprojbiti milli jipprovdu apparati ta’ dekodifikazzjoni li jippermettu d-dekodifikazzjoni tat-trażmissjonijiet tagħhom bil-għan li dawn jintużaw barra mit-territorju li għalih huma għandhom liċenzja.

B — *Ix-xandir tal-logħob tal-"Premier League"*

36 Fil-kuntest tal-attivitajiet tagħha, FAPL hija wkoll responsabbli mill-iffilmjar tal-logħob tal-"Premier League" u mit-trażmissjoni tas-sinjal lill-organizzazzjonijiet li għandhom id-dritt li juru dan il-logħob.

37 Għal dan il-għan, l-istampi u l-ħoss fl-isfond maqbuda matul il-logħba huma trażmessi lil faċilità ta' produzzjoni li żżid il-lowgos, is-sekwenzi vidjo, il-grafika tal-iskrin, il-mużika u l-kummentarju bl-Ingliż.

38 Is-sinjal jintbagħat, bis-satellita, lil organizzazzjoni tax-xandir televiżiv li żżid il-lowgo tagħha u, possibbilment, kummentarji. Sussegwentement, is-sinjal jiġi kkompressat u kkowdjat, imbagħad trażmess bis-satellita lill-abbonati li jirċievu s-sinjal permezz ta' dixx tas-satellita. Fl-aħħar nett, is-sinjal jiġi ddekodifikat u ddekompressat f'dekoder tas-satellita li jirrikjedi, għall-funzjonament tiegħu, apparat ta' dekodifikazzjoni bħal kard ta' dekoder.

39 Fil-Greċja, is-sottoliċenzjata għax-xandir tal-logħob tal-"Premier League" hija NetMed Hellas. Il-logħob huwa trażmess bis-satellita fuq il-kanali "SuperSport" tal-pjattaforma "NOVA" li hija proprjetà ta' Multichoice Hellas u tintuża minnha.

40 It-telespettaturi abbonati għall-pakkett tas-satellita NOVA jistgħu jaċċedu għal dawn il-kanali. Kull abbonat kellu jkun f'pożizzjoni li jipprovdi isem u kif ukoll indirizz u numru tat-telefown fil-Greċja. Tali abbonat jista' jiġi rreġistrat għal finijiet privati jew kummerċjali.

41 Fir-Renju Unit, fiż-żmien tal-fatti fil-kawżi prinċipali, il-proprjetarja esklużiva tad-drittijiet ta' liċenzja għax-xandir dirett tal-"Premier League" kienet BSkyB Ltd. Meta persuna fiżika jew ġuridika tkun tixtieq ixxandar fir-Renju Unit il-logħob tal-"Premier League", hija tista' tissottoskrivi abbonament kummerċjali ma' din il-kumpannija.

42 Madankollu, ċerti stabbilimenti tal-ikel u x-xorb bdew, fir-Renju Unit, jużaw apparati ta' dekodifikazzjoni barranin sabiex jaċċedu għal-logħob tal-"Premier League". Huma jixtru mingħand distributur kard u kaxxa ta' dekodifikazzjoni li jippermettu r-riċezzjoni ta' kanal tas-satellita li jintwera fi Stat Membru ieħor, bħalma huma l-kanali tan-NOVA, li għandha abbonament iktar vantaġġjuż meta mqabbel mal-abbonament tal-BSkyB Ltd. Dawn il-kards ta' dekodifikazzjoni ġew prodotti u kkumerċjalizzati bl-awtorizzazzjoni tal-fornitur tas-servizzi, iżda mbagħad intużaw b'mod mhux awtorizzat, peress li x-xandara ssuġġettaw il-ħruġ tagħhom għall-kundizzjoni — skont l-obbligi deskritti fil-punt 35 ta' din is-sentenza — li l-klijenti ma jużawx tali kards barra mit-territorju nazzjonali kkonċernat.

43 FAPL ikkunsidrat li attivitajiet bħal dawn joħolqu ħsara lill-interessi tagħha, peress li dawn jippreġudikaw l-esklużività tad-drittijiet konċessi taħt liċenzja f'territorju partikolari u, għalhekk, il-valur ta' dawn id-drittijiet. Fil-fatt, l-organizzazzjoni tax-xandir televiżiv li tbigħ il-kards ta' dekodifikazzjoni l-inqas għalja tista' potenzjalment issir, fil-prattika, l-organizzazzjoni tax-xandir televiżiv fil-livell Ewropew, u dan ikollu l-konsegwenza li d-drittijiet tax-xandir fl-Unjoni Ewropea jiġu konċessi fil-livell Ewropew. Dan iwassal għal telf kbir ta' dħul kemm għal FAPL kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv u għalhekk tiġi ppreġudikata l-vijabbiltà tas-servizzi li dawn jipprovdu.

44 Konsegwentement, FAPL *et* ippreżentaw, fil-Kawża C-403/08, tliet kawżi li huma jikkunsidraw li huma kawżi ta' prova quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division. Tnejn minn dawn il-kawżi huma kontra QC Leisure, D. Richardson, AV Station u M. Chamberlain, fornituri lill-kafetteriji-ristoranti ta'

apparat u ta' kards ta' dekodifikazzjoni bis-satellita li jippermettu r-riċezzjoni ta' trażmissjonijiet minn xandara barranin, fosthom NOVA, li turi l-logħob tal-"Premier League" dirett.

45 It-tielet kawża hija kontra M. Madden, SR Leisure Ltd, P. G. C. Houghton u D. Owen, bejjiegħa tax-xorb jew operaturi ta' erba' kafetteriji-ristoranti li wrew logħob tal-"Premier League" dirett, bl-użu ta' apparat ta' dekodifikazzjoni barrani.

46 FAPL *et* jallegaw li dawn il-persuni qegħdin jiksru d-drittijiet tagħhom protetti mill-Artikolu 298 tal-Att dwar id-drittijiet tal-awtur, id-disinni u l-privattivi billi jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet kummerċjali jew, fil-każ tal-konvenuti fit-tielet kawża, meta jżommu għal finijiet kummerċjali apparati ta' dekodifikazzjoni barranin intiżi jew adattati sabiex jippermettu l-aċċess għas-servizzi ta' FAPL *et* mingħajr awtorizzazzjoni.

47 Barra minn hekk, il-konvenuti fit-tielet kawża jiksru d-drittijiet tal-awtur billi joħolqu kopji ta' xogħlijiet fl-adoperat intern tad-dekoder bis-satellita u juru x-xogħlijiet fuq l-iskrin, kif ukoll billi jeżegwixxu, ixandru jew juru x-xogħlijiet fil-pubbliku u jikkomunikawhom lill-pubbliku.

48 Barra minn dan, QC Leisure u AV Station jiksru d-drittijiet tal-awtur billi jawtorizzaw l-atti mwettqa mill-konvenuti fit-tielet kawża, kif ukoll minn persuni oħra lil min huma pprovdew kards ta' dekodifikazzjoni.

49 Skont QC Leisure *et*, il-kawżi huma infondati, peress li huma ma jużawx kards ta' dekodifikazzjoni pirati, inkwantu l-kards ikkonċernati kollha ġew iddistribwiti u mqiegħda fis-suq, fi Stat Membru ieħor, mill-organizzazzjoni kkonċernata tax-xandir televiżiv bis-satellita.

50 Fil-Kawża C-429/08, K. Murphy, li tiġġestixxi kafetterija-ristorant, kisbet kard ta' dekodifikazzjoni NOVA sabiex turi logħob tal-"Premier League".

51 L-aġenti ta' MPS, organizzazzjoni maħtura minn FAPL sabiex tiġġestixxi sensiela ta' prosekuzzjonijiet kontra ġestituri ta' kafetteriji-ristoranti li jużaw apparati ta' dekodifikazzjoni, ikkonstataw li K. Murphy kienet tirċievi, fil-kafetterija-ristorant tagħha, ix-xandiriet tal-logħob tal-"Premier League" trażmessi min-NOVA.

52 Konsegwentement, MPS ħarrket lil K. Murphy quddiem il-Portsmouth Magistrates' Court li kkundannatha għal żewġ reati previsti fl-Artikolu 297(1) tal-Att dwar id-drittijiet tal-awtur, id-disinni u l-privattivi minħabba li din kienet irċeviet, b'mezzi frawdolenti, programm inkluż f'servizz ta' xandir ipprovdut minn post fir-Renju Unit, bl-intenzjoni li tevita l-ħlas ta' kwalunkwe prezz applikabbli għar-riċezzjoni tat-trażmissjonijiet imxandra.

53 Wara li l-Portsmouth Crown Court ċaħdet, essenzjalment, l-appell mill-kundanna tagħha, K. Murphy ressqet appell quddiem il-High Court of Justice u ddifendiet pożizzjoni simili għal dik adottata minn QC Leisure *et*.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-High Court of Justice (England and Wales), Chancery Division, iddeċidiet, fil-Kawża C-403/08, li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"(1) (a) Meta apparat tal-aċċess kondizzjonali jkun magħmul minn jew bil-kunsens ta' min jipprovdi s-servizz u jinbiegħ suġġett għal awtorizzazzjoni limitata li dan l-apparat jintuża biss sabiex jinkiseb aċċess għal servizz protett f'ċerti

ċirkustanzi partikolari, dan l-apparat isir 'apparat illeċitu', fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-[Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali], jekk jintuża sabiex jipprovdi aċċess għal dak is-servizz protett f'post jew b'mod jew minn persuna mhux inklużi fl-awtorizzazzjoni ta' min jipprovdi is-servizz?

(b) X'inhi t-tifsira ta' 'iddisinjat jew adattat' fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva?

(2) Meta l-ewwel persuna li tipprovdi s-servizz tittrażmetti l-programmi f'forma kodifikata lit-tieni persuna li tipprovdi s-servizz u li xxandar dawk il-programmi fuq il-bażi ta' aċċess kondizzjonali, liema fatturi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk l-interessi tal-ewwel persuna li tipprovdi s-servizz humiex affettwati skont l-Artikolu 5 tad-[Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali]?

B'mod partikolari:

Meta l-ewwel impriża tittrażmetti l-programmi (inklużi stampi, awdjo u kummentarju bl-Ingliż) f'forma kodifikata lit-tieni impriża li, min-naħa tagħha, ixxandar il-programmi lill-pubbliku (li miegħu tkun żiedet il-logo tagħha u, xi drabi, kumment awdjo addizzjonali):

(a) It-trażmissjoni mill-ewwel impriża tikkostitwixxi servizz protett ta' 'xandir bit-televiżjoni', fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-[Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali] u tal-Artikolu 1(a) tad-[Direttiva 'televiżjoni mingħajr fruntieri']?

(b) Huwa neċessarju li l-ewwel impriża tkun xandar fis-sens tal-Artikolu 1(b) tad-[Direttiva 'televiżjoni mingħajr fruntieri'] sabiex titqies bħala li qed tipprovdi servizz ta' 'xandir bit-televiżjoni' skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(a) tad-[Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali]?

(c) L-Artikolu 5 tad-[Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali] għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti dritt lill-ewwel impriża tressaq kawża fir-rigward tal-apparat illeċitu li jagħti aċċess għall-programm kif imxandar mit-tieni impriża, jew:

(i) għaliex apparat bħal dan għandu jitqies bħala li jagħti aċċess, permezz tas-sinjal ta' xandir, għas-servizz stess tal-ewwel impriża; jew

(ii) għaliex l-ewwel impriża hija dik li tipprovdi servizz protett u li l-interessi tagħha huma affettwati minn attività illeċita (għaliex apparat bħal dan jagħti aċċess mhux awtorizzat għas-servizz protett ipprovdut mit-tieni impriża)?

(d) Ir-risposta għad-domanda 2(c) hija affettwata mill-fatt li l-ewwel u t-tieni persuni li jipprovdu servizzi jużaw sistemi ta' dekodifikazzjoni u apparat tal-aċċess kondizzjonali differenti?

(3) Il-'pussess għal skopijiet kummerċjali' skont l-Artikolu 4(a) tad-Direttiva [dwar l-aċċess kundizzjonali] jirreferi biss għal pussess għal skopijiet ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (pereżempju, bejgħ) fir-rigward ta' apparat illeċitu, jew ikopri wkoll il-pussess ta' apparat minn utent finali matul negozju ta' kwalunkwe tip?

(4) Meta l-frammenti sekwenzjali ta' film, xogħol mużikali jew reġistrazzjoni ta' ħoss (f'dan il-każ, fotogrammi ta' vidjo u awdjo diġitali) jinħolqu (i) fil-memorja ta' dekodifikatur jew (ii) fil-każ ta' film fuq skrin tat-televiżjoni, u x-xogħol kollu huwa riprodott jekk il-frammenti sekwenzjali jiġu kkunsidrati flimkien iżda f'perijodu partikolari jkunu jeżistu biss numru limitat ta' frammenti:

(a) Il-kwistjoni dwar jekk dawk ix-xogħlijiet ikunux ġew kompletament jew parzjalment riprodotti għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-liġi nazzjonali dwar id-dritt tal-awtur li jirrigwardaw dak li jikkostitwixxi riproduzzjoni illeċita ta' xogħol protett mid-dritt tal-awtur, jew tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tad-[Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur]?

(b) Jekk tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva [dwar id-drittijiet tal-awtur], il-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra l-frammenti ta' kull xogħol fl-intier tagħhom, jew dawk il-frammenti biss li jkunu jeżistu f'perijodu partikolari? Jekk il-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra dan l-aħħar każ, liema test għandha tapplika għall-kwistjoni dwar jekk ix-xogħlijiet ġewx riprodotti parzjalment fis-sens ta' dan l-artikolu?

(c) Id-dritt ta' riproduzzjoni fl-[imsemmi] Artikolu 2 ikopri wkoll il-ħolqien ta' stampi temporanji għal fuq skrin tat-televiżjoni?

(5) (a) Il-kopji temporanji ta' xogħol maħluqa ġewwa dekodifikatur televiżiv tas-satellita jew fuq skrin tat-televiżjoni kkollegat ma' dekodifikatur, u li l-għan tagħhom huwa esklużivament li jippermettu l-użu tax-xogħol li ma jkunx b'xi mod ieħor limitat mil-liġi, għandhom jitqiesu bħala li għandhom 'sinifikat ekonomiku indipendenti' fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva [dwar id-drittijiet tal-awtur] minħabba l-fatt li dawn il-kopji jipprovdu l-unika bażi li minnha d-detentur tad-drittijiet jista' jirċievi remunerazzjoni għall-użu tad-drittijiet tiegħu?

(b) Ir-risposta għad-domanda 5(a) hija affettwata mill-fatt (i) li l-kopji temporanji jkollhom xi valur intrinsiku; jew (ii) li l-kopji temporanji jinkludu parti żgħira minn kollezzjoni ta' xogħlijiet u/jew materji oħra li jistgħu jintużaw mingħajr ksur tad-dritt tal-awtur; jew (iii) li l-liċenzjat esklużiv tad-detentur tad-drittijiet fi Stat Membru ieħor ikun diġà rċieva remunerazzjoni għall-użu tax-xogħol f'dak l-Istat Membru?

(6) (a) Xogħol protett mid-dritt tal-awtur huwa kkunsidrat bħala kkomunikat lill-pubbliku b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva [dwar id-drittijiet tal-awtur], meta xandira bis-satellita tiġi rċevuta f'bini kummerċjali (pereżempju, bar) u kkomunikata jew murija f'dak il-bini permezz ta' skrin tat-televiżjoni wieħed lill-pubbliku preżenti f'dak il-bini?

(b) Ir-risposta għad-domanda 6(a) hija affettwata jekk:

(i) il-pubbliku preżenti jikkostitwixxi pubbliku ġdid li x-xandar ma jkunx ħaseb dwaru (f'dan il-każ għaliex kard nazzjonali ta' dekodifikazzjoni għal użu fi Stat Membru partikolari tintuża għal pubbliku kummerċjali fi Stat Membru ieħor);

(ii) il-pubbliku mhuwiex wieħed li jkun meħtieġ iħallas skont il-liġi nazzjonali, u

(iii) is-sinjal tax-xandir fuq it-televiżjoni huwa rċevut permezz ta' erjal jew dixx tas-satellita fuq il-bejt ta' jew ma' ġenb il-bini fejn jinsab it-televiżjoni?

(c) Jekk ir-risposta għal waħda mill-partijiet tad-domanda 6(b) hija fl-affermattiv, liema fatturi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm komunikazzjoni tax-xogħol li oriġinat minn post fejn il-pubbliku ma kienx preżenti?

(7) Il-fatt li l-liġi nazzjonali dwar id-dritt tal-awtur tipprovdi li meta kopji temporanji ta' xogħlijiet inklużi f'xandir bis-satellita jinħolqu ġewwa dekodifikatur bis-satellita jew fuq skrin tat-televiżjoni jkun hemm ksur tad-dritt tal-awtur skont il-liġi tal-pajjiż fejn tkun irċevuta x-xandira huwa kompatibbli mad-Direttiva [dwar ix-xandir bis-satellita] jew mal-Artikoli 28 u 30 jew 49 tat-Trattat KE? Il-pożizzjoni tiġi affettwata jekk ix-xandira tiġi ddekodifikata permezz ta' kard ta' dekodifikazzjoni tas-satellita li tkun inħarġet mill-persuna li tipprovdi servizz ta' xandir bis-satellita fi Stat Membru ieħor bil-kundizzjoni li l-użu ta' dik il-kard ta' dekodifikazzjoni tas-satellita jkun awtorizzat biss f'dak l-Istat Membru?

(8) (a) Jekk ir-risposta għad-domanda 1 tkun li l-apparat tal-aċċess kondizzjonali magħmul minn jew bil-kunsens ta' min jipprovdi s-servizz isir 'apparat illeċitu' skont l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva [dwar l-aċċess kundizzjonali] meta jintuża barra mill-portata tal-awtorizzazzjoni ta' min jipprovdi s-servizz li jagħti aċċess għal servizz protett, liema huwa s-suġġett speċifiku tad-dritt b'riferiment għall-funzjoni essenzjali tiegħu attribwita mid-Direttiva dwar l-Aċċess Kondizzjonali?

(b) L-Artikoli 28 jew 49 tat-Trattat KE jeskludu l-eżekuzzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali fl-ewwel Stat Membru li tirrendi illeċitu l-importazzjoni jew il-bejgħ ta' kard ta' dekodifikazzjoni tas-satellita li tkun inħarġet minn persuna li tipprovdi servizz ta' xandir bis-satellita fi Stat Membru ieħor bil-

kundizzjoni li l-użu tal-kard ta' dekodifikazzjoni tas-satellita jkun awtorizzat biss f'dak l-Istat Membru l-ieħor?

(c) Ir-risposta hija affettwata mill-fatt li l-kard ta' dekodifikazzjoni tas-satellita tkun awtorizzata biss għal użu privat jew domestiku f'dak l-Istat Membru l-ieħor iżda tintuża għal skopijiet kummerċjali fl-ewwel Stat Membru?

(9) L-Artikoli 28 u 30 jew 49 tat-Trattat KE jeskludu l-eżekuzzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali dwar id-dritt tal-awtur li tirrendi illeċitu r-rappreżentazzjoni jew id-daqq fil-pubbliku ta' xogħol mużikali meta dan ix-xogħol ikun inkluż f'servizz protett li jsir aċċess għalih u li jindaqq fil-pubbliku permezz tal-użu ta' kard ta' dekodifikazzjoni tas-satellita meta dik il-kard tkun inħarġet mill-persuna li tipprovdi s-servizz fi Stat Membru ieħor bil-kundizzjoni li l-użu ta' dik il-kard ta' dekodifikazzjoni jkun awtorizzat biss f'dak l-Istat Membru l-ieħor? Ikollu effett il-fatt li x-xogħol mużikali jkun element mhux importanti mis-servizz protett fl-intier tiegħu u li l-liġi nazzjonali dwar id-dritt tal-awtur ma tipprojbixxix ir-rappreżentazzjoni jew id-daqq fil-pubbliku tal-elementi l-oħra tas-servizz?

(10) Meta l-persuna li tipprovdi l-programmi toħroġ sensiela ta' liċenzji esklużivi għat-territorju ta' wieħed jew iktar Stati Membri li permezz tagħhom ix-xandar ikun liċenzjat ixandar il-programmi f'dak it-territorju biss (inkluż bis-satellita) u li inkluż f'kull liċenzja jkun hemm obbligu kuntrattwali li x-xandar jevita li l-kards tiegħu ta' dekodikazzjoni tas-satellita, li jippermettu r-riċezzjoni tal-programmi liċenzjati, jiġu użati barra mit-territorju liċenzjat, liema test legali għandu jiġi applikat mill-qorti nazzjonali u liema ċirkustanzi għandha tieħu

inkunsiderazzjoni meta tkun qed tiddeċiedi jekk ir-restrizzjoni kuntrattwali tiksirx il-projbizzjoni tal-Artikolu 81(1)?

B'mod partikolari:

(a) l-Artikolu 81(1) għandu jiġi interpretat bħala li japplika għal dan l-obbligu għar-raġuni biss li għandu bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni?

(b) f'dak il-każ, jeħtieġ li jintwera li dan l-obbligu kuntrattwali jipprevjeni, jirrestrinġi jew jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni b'mod sinifikanti sabiex jaqa' taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 81(1)?"

55 Fil-Kawża C-429/08, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) F'liema ċirkustanzi apparat tal-aċċess kondizzjonali għandu jiġi kkunsidrat bħala 'apparat illeċitu' fit-tifsira tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva [dwar l-aċċess kundizzjonali]?

(2) B'mod partikolari, apparat tal-aċċess kondizzjonali huwa 'apparat illeċitu' jekk jiġi akkwistat f'ċirkustanzi fejn:

(i) l-apparat tal-aċċess kondizzjonali ġie manifatturat minn min jipprovdi s-servizz jew bil-kunsens tiegħu u ġie fornut oriġinarjament bil-kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni kuntrattwali limitata li l-apparat jintuża sabiex jinkiseb aċċess għal servizz protett fl-ewwel Stat Membru biss u minflok

intuża sabiex jinkiseb aċċess għal dak is-servizz protett riċevut fi Stat Membru ieħor, u/jew

(ii) l-apparat tal-aċċess kondizzjonali ġie manifatturat minn min jipprovdi s-servizz jew bil-kunsens tiegħu u oriġinarjament inkiseb u/jew ġie attivat bl-użu ta' isem u indirizz residenzjali foloz fl-ewwel Stat Membru u b'hekk ingħelbu restrizzjonijiet kuntrattwali territorjali imposti fuq l-esportazzjoni ta' apparati bħal dawn għal użu barra minn l-ewwel Stat Membru, u/jew

(iii) l-apparat tal-aċċess kondizzjonali ġie manifatturat minn min jipprovdi s-servizz jew bil-kunsens tiegħu u oriġinarjament ġie fornut bil-kundizzjoni kuntrattwali li jintuża biss għal użu domestiku jew privat u mhux għal użu kummerċjali (li għalih jitħallas abbonament ogħla), iżda ntuża fir-Renju Unit għal finijiet kummerċjali, prinċipalment sabiex jintwera logħob live tal-futbol f'pub?

(3) Jekk ir-risposta għal kwalunkwe parti tad-Domanda 2 hija 'le', l-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva jipprekludi li Stat Membru japplika liġi nazzjonali li tipprojbixxi l-użu ta' apparati tal-aċċess kondizzjonali bħal dawn fiċ-ċirkustanzi msemmija fid-Domanda 2 iktar 'il fuq?

(4) Jekk ir-risposta għal kwalunkwe parti tad-Domanda 2 hija 'le', l-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva huwa invalidu:

(a) għar-raġuni li huwa diskriminatorju u/jew sproporzjonat; u/jew

(b) għar-raġuni li jikser id-drittijiet ta' moviment liberu taħt it-Trattat; u/jew

(c) għal kwalunkwe raġuni oħra?

(5) Jekk ir-risposta għad-Domanda 2 hija 'iva', l-Artikoli 3(1) u 4 ta' dik id-Direttiva huma invalidi għar-raġuni li huma jidhru li jeħtieġu mill-Istati Membri li jimponu restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni minn Stati Membri oħra ta' 'apparati illeċiti' u fuq in-negozju mod ieħor tagħhom f'ċirkustanzi fejn dawk l-apparati jistgħu jiġu importati legalment u/jew jintużaw sabiex jiġu riċevuti servizzi ta' xandir bis-satellita trans-nazzjonali skont ir-regoli fuq il-moviment liberu ta' merkanzija taħt l-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat KE u/jew il-libertà li jiġu pprovduti u riċevuti servizzi taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat KE?

(6) L-Artikoli 28, 30 u/jew 49 KE jippreskludi l-infurzar ta' liġi nazzjonali (bħall-Artikolu 297 tal-[Att dwar id-drittijiet tal-awtur, id-disinni u l-privattivi]) li tistabbilixxi li huwa reat kriminali li wieħed jirċievi b'mod diżonest programm inkluż f'servizz ta' xandir minn post fir-Renju Unit bl-intenzjoni li jevita li jħallas il-prezz applikabbli għall-fatt li jirċievi l-programm, f'waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi:

(i) fejn l-apparat tal-aċċess kondizzjonali ġie manifatturat minn min jipprovdi s-servizz jew bil-kunsens tiegħu u ġie fornut oriġinarjament bil-kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni kuntrattwali limitata li l-apparat jintuża sabiex jinkiseb aċċess għal servizz protett fl-ewwel Stat Membru biss u minflok intuża sabiex

jinkiseb aċċess għal dak is-servizz protett riċevut fi Stat Membru ieħor (f'dan il-każ ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq), u/jew

(ii) fejn l-apparat tal-aċċess kondizzjonali ġie manifatturat minn min jipprovdi s-servizz jew bil-kunsens tiegħu u oriġinarjament inkiseb u/jew ġie attivat bl-użu ta' isem u indirizz residenzjali foloz fl-ewwel Stat Membru u b'hekk ingħelbu restrizzjonijiet kuntrattwali territorjali imposti fuq l-esportazzjoni ta' apparati bħal dawn għal użu barra minn l-ewwel Stat Membru, u/jew

(iii) fejn l-apparat tal-aċċess kondizzjonali ġie manifatturat minn min jipprovdi s-servizz jew bil-kunsens tiegħu u oriġinarjament ġie fornut bil-kundizzjoni kuntrattwali li jintuża biss għal użu domestiku jew privat u mhux għal użu kummerċjali (li għalih jitħallas abbonament ogħla), iżda intuża fir-Renju Unit għal finijiet kummerċjali, prinċipalment biex jintwera logħob live tal-futbol f'pub?

(7) L-infurzar tal-liġi nazzjonali inkwistjoni huwa, fi kwalunkwe każ, ipprojbit fuq il-bażi ta' diskriminazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 12 KE jew inkella, għaliex il-liġi nazzjonali tapplika għal programmi inklużi f'servizz ta' xandir minn post fir-Renju Unit iżda mhux minn kwalunkwe Stat Membru ieħor?

(8) Fejn fornitur tal-kontenut tal-programmi jidħol f'sensiela ta' liċenzji esklużivi li kull waħda minnhom tkopri t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar li permezz tagħhom ix-xandar huwa awtorizzat ixandar il-kontenut tal-programm

f'dak it-territorju biss (inkluż bis-satellita) u jiġi inkluż obbligu kuntrattwali f'kull liċenzja li jobbliga lix-xandar li jipprojbixxi li l-kards tiegħu ta' aċċess tas-satellita, li jagħmlu possibbli li jiġi riċevut il-programm awtorizzat, jintużaw barra mit-territorju kopert mil-liċenzja, x'eżami legali għandu jiġi applikat mill-qorti nazzjonali u x'ċirkustanzi għandha tikkunsidra meta tiddeċiedi jekk ir-restrizzjoni kuntrattwali tmur kontra l-projbizzjoni imposta fl-Artikolu 81(1)?

B'mod partikolari:

(a) L-Artikolu 81(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għal dak l-obbligu biss għaliex huwa kkunsidrat li għandu bħala għan li jipprevjeni, jirrestrinġi jew ikun ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni?

(b) Jekk huwa hekk, għandu jintwera wkoll li l-obbligu kuntrattwali jipprevjeni, jirrestrinġi jew huwa ta' distorsjoni b'mod kunsiderevoli għall-kompetizzjoni sabiex jaqa' fil-projbizzjoni imposta mill-Artikolu 81(1)?"

56 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Diċembru 2008, il-Kawżi C-403/08 u C-429/08 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali u kif ukoll tas-sentenza.

## III — Fuq id-domandi preliminari

*A — Fuq ir-regoli marbuta mar-riċezzjoni ta' trażmissjonijiet ikkowdjati li joriġinaw minn Stati Membri oħra*

1. Osservazzjonijiet preliminari

57 Qabelxejn, għandu jiġi ppreċiżat li dawn il-kawżi jirrigwardaw biss ix-xandir bis-satellita ta' trażmissjonijiet li jinkludu logħob tal-"Premier League" għall-pubbliku mill-organizzazzjonijiet tax-xandir, bħal Multichoice Hellas. Għalhekk, l-unika parti mill-komunikazzjoni awdjoviżiva li hija rilevanti, għall-każ ineżami, hija dik li tikkonsisti fix-xandir ta' dawn it-trażmissjonijiet mill-organizzazzjonijiet tax-xandir għall-pubbliku b'mod konformi mal-Artikolu 1(2)(a) u (b) tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita, billi din l-operazzjoni ssir mill-Istat Membru fejn is-sinjali li jġorru l-programmi huma introdotti f'katina ta' komunikazzjoni bis-satellita (iktar 'il quddiem l-"Istat Membru tat-trażmissjoni"), fil-każ ineżami, senjatament ir-Repubblika Ellenika.

58 Min-naħa l-oħra, il-parti mill-komunikazzjoni upstream, bejn FAPL u dawn l-organizzazzjonijiet, li tikkonsisti fit-trażmissjoni ta' data awdjoviżiva li tinkludi dan il-logħob, ma għandhiex rilevanza għall-każ ineżami, billi din il-komunikazzjoni tista' ssir ukoll b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni li ma humiex dawk użati mill-partijiet fil-kawża prinċipali.

59 Imbagħad, mill-proċess jirriżulta li, b'mod konformi mal-kuntratti ta' liċenzjar konklużi bejn FAPL u l-organizzazzjonijiet tax-xandir ikkonċernati, it-trażmissjonijiet

inkwistjoni huma destinati biss għall-pubbliku tal-Istat Membru tat-trażmissjoni u li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom għalhekk jiżguraw li t-trażmissjonijiet tagħhom bis-satellita jkunu jistgħu jiġu rċevuti biss f'dan l-Istat. Konsegwentement, l-organizzazzjonijiet inkwistjoni għandhom jikkowdjaw it-trażmissjonijiet tagħhom u jipprovdu apparati ta' dekodifikazzjoni biss lill-persuni li jirresjedu fit-territorju tal-Istat Membru tat-trażmissjoni.

60 Fl-aħħar nett, huwa paċifiku li l-proprjetarji tal-kafetteriji-ristoranti jużaw tali apparati ta' dekodifikazzjoni barra mit-territorju ta' dan l-Istat Membru, u għalhekk, huma jagħmlu tali użu kontra r-rieda tal-organizzazzjonijiet tax-xandir.

61 Huwa f'dan il-kuntest li l-qrati tar-rinviju jistaqsu, permezz tal-ewwel parti tad-domandi tagħhom, jekk tali użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni jaqax taħt id-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali u x'inhu l-effett li din għandha fuq dan l-użu. Imbagħad, fil-każ li dan l-aspett ma huwiex armonizzat bl-imsemmija direttiva, huma jistaqsu dwar jekk l-Artikoli 34 TFUE, 36 TFUE, 56 TFUE u 101 TFUE jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali u kuntratti ta' liċenzjar li jipprojbixxu l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin.

2. Id-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali

(a) Fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "apparat illeċitu" fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali (l-ewwel domanda fil-Kawża C-403/08, kif ukoll l-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawża C-429/08)

62 B'dawn id-domandi, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "apparat illeċitu", fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali, għandux jiġi interpretat fis-sens li dan ikopri wkoll l-apparati ta' dekodifikazzjoni

barranin, inklużi dawk miksuba jew attivati permezz ta' isem falz u indirizz falz, u dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati.

63 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar, minn naħa, li l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali jagħti definizzjoni tal-kunċett ta' "apparat illeċitu" fis-sens li jinkludi kull apparat jew programm tal-kompjuter "iddisinjat" jew "adattat" sabiex jagħti aċċess għal servizz protett f'forma konkreta mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' min jipprovdi s-servizz.

64 Għalhekk, dan il-kliem huwa limitat għall-apparati li jkunu ġew suġġetti għal operazzjonijiet manwali jew awtomatiċi qabel l-użu tagħhom u li jippermettu riċezzjoni ta' servizzi protetti mingħajr il-kunsens tal-fornituri ta' dawn is-servizzi. Konsegwentement, dan il-kliem jipprevedi biss apparati li jkunu ġew immanifatturati, immanipulati, adattati jew riadattati mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-fornitur tas-servizzi, u ma jkoprix l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin.

65 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li s-sitt u t-tlettax-il premessa tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali, li jinkludu speċifikazzjonijiet dwar il-kunċett ta' "apparat illeċitu", jirreferu għan-neċessità li jkun hemm protezzjoni minn apparati illeċiti "li jippermett[u] l-aċċess [...] bla ħlas" għas-servizzi protetti u mit-tqegħid fis-suq ta' apparati illeċiti li jippermettu jew jiffaċilitaw "mingħajr awtorità l-ksur tal-liġi ta' xi miżuri teknoloġiċi" intiżi għall-protezzjoni tal-ħlas għal servizz ipprovdut b'mod għalkollox legali.

66 Issa, l-apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, dawk miksuba jew attivati permezz tal-ksib ta' isem falz u ta' indirizz falz, dawk użati bi ksur tal-limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati ma jaqgħu taħt ebda waħda minn dawn il-kategoriji. Fil-fatt, dawn l-apparati kollha huma mmanifatturati u mqiegħda fis-suq bl-awtorizzazzjoni tal-fornitur tas-servizzi, ma jippermettux aċċess bla

ħlas għas-servizzi protetti u ma jippermettux jew jiffaċilitaw li tiġi evitata miżura teknoloġika intiża għall-protezzjoni tal-ħlas ta' rimunerazzjoni għal dawn is-servizzi, ladarba, fl-Istat Membru ta' tqegħid fis-suq, tkun tħallset rimunerazzjoni.

67 Fid-dawl tal-premess, għad-domandi mressqa għandha tingħata r-risposta li l-kunċett ta' "apparat illeċitu", fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan la jkopri l-apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, la dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz u lanqas dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati.

(b) Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali (it-tielet domanda fil-Kawża C-429/08)

68 B'din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar jekk l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timpedixxi l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, inklużi dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz, jew dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati.

69 Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali, l-Istati Membri ma humiex awtorizzati jirrestrinġu, għal raġunijiet li jaqgħu fil-qasam ikkoordinat minn din id-direttiva, il-moviment liberu ta' servizzi protetti u ta' apparati ta' aċċess kundizzjonali, u dan mingħajr preġudizzju għall-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva.

70 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni tal-aħħar timponi obbligi fil-qasam ikkoordinat mid-direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali — li skont l-Artikolu 2(f) tagħha jfisser kwalunkwe dispożizzjoni li għandha x'taqsam mal-ksur tal-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 4 — billi teżiġi b'mod partikolari li l-Istati Membri jipprekludu l-attivitajiet speċifikati f'dan l-Artikolu 4.

71 Madankollu, l-imsemmi Artikolu 4 jirrigwarda biss attivitajiet li huma illeċiti minħabba li dawn jinvolvu l-użu ta' apparati illeċiti fis-sens ta' din id-direttiva.

72 Issa, l-apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, inklużi dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz u dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati, ma jikkostitwixxux, skont kif jirriżulta mill-punti 63 sa 67 ta' din is-sentenza, tali apparati illeċiti.

73 Konsegwentement, la l-attivitajiet li jinvolvu l-użu ta' dawn l-apparati u lanqas leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprekludi dawn l-attivitajiet ma jaqgħu fil-qasam ikkoordinat mid-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali.

74 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għad-domanda mressqa għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timpedixxi l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, inklużi dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz jew dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati, peress li tali leġiżlazzjoni ma taqax fil-qasam ikkoordinat minn din id-direttiva.

(c) Fuq id-domandi l-oħra li jirrigwardaw d-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali

75 Fid-dawl tar-risposti mogħtija għall-ewwel domanda fil-Kawża C-403/08, kif ukoll għall-ewwel tliet domandi fil-Kawża C-429/08, ma hemmx għalfejn li jiġu eżaminati la d-domandi 2, 3 u 8(a) fil-Kawża C-403/08 u lanqas id-domandi 4 u 5 fil-Kawża C-429/08.

3. Ir-regoli tat-Trattat FUE fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi

(a) Fuq il-projbizzjoni tal-importazzjoni, tal-bejgħ u tal-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin [id-domanda 8(b) u l-ewwel parti tad-disa' domanda fil-Kawża C-403/08, kif ukoll id-domanda 6(i) fil-Kawża C-429/08]

76 Permezz ta' dawn id-domandi, il-qrati tar-rinviju qegħdin jistaqsu, essenzjalment, dwar jekk l-Artikoli 34 TFUE, 36 TFUE u 56 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li trendi illeċiti l-importazzjoni, il-bejgħ u l-użu f'dan l-Istat ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin li jippermettu l-aċċess għal servizz ikkowdjat ta' xandir bis-satellita li jkun ġej minn Stat Membru ieħor u li jinkludi oġġetti protetti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-ewwel Stat.

(i) Fuq l-identifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli

77 Leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tirrigwarda kemm il-provvista transkonfinali ta' servizzi ta' xandir ikkowdjat kif ukoll il-moviment, fi ħdan l-Unjoni, ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin li jippermettu d-dekodifikazzjoni ta' dawn is-servizzi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tqum il-kwistjoni ta' jekk din il-leġiżlazzjoni għandhiex tiġi eżaminata mill-perspettiva tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew minn dik tal-moviment liberu tal-merkanzija.

78 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li meta miżura nazzjonali tirrigwarda kemm il-moviment liberu tal-merkanzija u kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja teżaminaha, bħala regola, fid-dawl ta' waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali, jekk jirriżulta li waħda minn dawn tkun kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u tkun tista' tiġi assoċjata magħha (ara s-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler, C-275/92, Ġabra p. I-1039, punt 22, u tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika, C-108/09, Ġabra p. I-12213, punt 43).

79 Madankollu, fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, dawn iż-żewġ suġġetti huma ħafna drabi marbuta mill-qrib ma' xulxin b'mod li kwalunkwe wieħed minnhom ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa sekondarju għall-ieħor. Dan huwa partikolarment il-każ meta leġiżlazzjoni nazzjonali tirregola l-provvista ta' apparat ta' telekomunikazzjoni, bħalma huma l-apparati ta' dekodifikazzjoni, bil-għan li tispeċifika r-rekwiżiti li għalihom dawn l-apparati għandhom ikunu suġġetti jew li tiffissa l-kundizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, b'tali mod li, f'dan il-każ, huwa opportun li dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali jiġu eżaminati flimkien (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, Ġabra p. I-607, punti 29 sa 33).

80 Għaldaqstant, meta leġiżlazzjoni tipprevedi, bħala suġġett, attività li hija partikolarment ikkaratterizzata fil-livell ta' servizzi pprovduti mill-operaturi ekonomiċi, filwaqt li l-provvista ta' apparati ta' telekomunikazzjoni tkun relatata biss b'mod purament sekondarju, din l-attività għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

81 Dan japplika wkoll, b'mod partikolari, meta t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn l-apparati jikkostitwixxi biss modalità konkreta tal-organizzazzjoni jew tal-funzjonament ta' servizz u meta din l-attività ma jkollhiex għan fiha nfisha, iżda tkun intiża sabiex tippermetti t-tgawdija ta' dan is-servizz. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-attività li tikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tali apparati ma tistax tiġi evalwata b'mod indipendenti mill-attività marbuta mas-servizz li magħha din l-ewwel attività hija assoċjata (ara, b'analoġija, is-sentenza Schindler, iċċitata iktar 'il fuq, punti 22 u 25).

82 Fil-każijiet inkwistjoni tal-kawżi prinċipali, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma hijiex intiża għall-apparati ta' dekodifikazzjoni bil-għan li tiddetermina r-rekwiżiti li għalihom dawn għandhom ikunu suġġetti jew li tistabbilixxi kundizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu jkunu kkummerċjalizzati. Fil-fatt, dawn tqishom biss fil-kwalità tagħhom ta' strument li jippermetti lill-abbonati jgawdu mis-servizzi ta' xandir ikkowdjati.

83 Ladarba din il-leġiżlazzjoni tipprevedi għalhekk, qabelxejn, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li s-suġġett tal-moviment liberu tal-merkanzija jirriżulta li huwa għalkollox sekondarju meta mqabbel mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din il-leġiżlazzjoni għandha tiġi evalwata mill-perspettiva ta' din il-libertà tal-aħħar.

84 Minn dan isegwi li tali leġiżlazzjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 56 TFUE.

(ii) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

85 L-Artikolu 56 TFUE jeżiġi t-tneħħija ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, anki jekk din ir-restrizzjoni tapplika mingħajr distinzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi nazzjonali u dawk ta' Stati Membri oħra, meta din ir-restrizzjoni tkun ta' natura li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur

stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn jipprovdi legalment servizzi analogi. Barra minn hekk, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tapplika kemm favur il-fornitur u kif ukoll favur id-destinatarju tas-servizzi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Fil-kawżi prinċipali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprekludi l-importazzjoni, il-bejgħ u l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin fit-territorju nazzjonali, li jagħtu aċċess għas-servizzi ta' xandir bis-satellita li joriġinaw minn Stat Membru ieħor.

87 Issa, ladarba l-aċċess għas-servizzi ta' trażmissjoni bis-satellita, bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, huwa kkundizzjonat bil-pussess ta' tali apparat li l-provvista tiegħu hija suġġetta għal-limitazzjoni kuntrattwali li tipprovdi li l-imsemmi apparat jista' jintuża biss fit-territorju tal-Istat Membru tat-trażmissjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tipprekludi r-riċezzjoni ta' dawn is-servizzi mill-persuni li jirresjedu barra mill-Istat Membru tat-trażmissjoni, f'dan il-każ fir-Renju Unit. Konsegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni għandha l-effett li tipprekludi lil dawn il-persuni milli jaċċedu għal dawn is-servizzi.

88 Ċertament, l-ostakolu għar-riċezzjoni ta' tali servizzi jsib l-oriġini ewlieni tiegħu fil-kuntratti konklużi bejn l-organizzazzjonijiet tax-xandir u l-klijenti tagħhom, li jirriflettu, min-naħa tagħhom, il-klawżoli ta' limitazzjoni territorjali inklużi f'kuntratti konklużi bejn dawn l-organizzazzjonijiet u l-proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Madankollu, peress li din il-leġiżlazzjoni tagħti lil dawn il-limitazzjonijiet protezzjoni ġuridika u timponi l-osservanza tagħhom taħt piena ta' sanzjonijiet ċivili u pekunjarji, hija stess tirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

89 Konsegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi pprojbita mill-Artikolu 56 TFUE, sakemm din ma tistax tiġi oġġettivament iġġustifikata.

(iii) Fuq il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi permezz ta' għan ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

— Osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja

90 FAPL *et*, MPS, il-Gvern tar-Renju Unit, kif ukoll il-Gvern Franċiż u dak Taljan isostnu li r-restrizzjoni li toħroġ mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi ġġustifikata fid-dawl tad-drittijiet ta' proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, peress li din hija neċessarja sabiex tiżgura l-protezzjoni tar-remunerazzjoni xierqa ta' dawn il-proprjetarji, filwaqt li tali remunerazzjoni tippresupponi li dawn tal-aħħar għandhom id-dritt jitolbu l-ħlas tagħha għall-użu tax-xogħol tagħhom jew ta' oġġetti oħra protetti f'kull Stat Membru u jagħtu fir-rigwarda tagħhom esklużività territorjali.

91 F'dan ir-rigward, l-imsemmija partijiet iqisu b'mod partikolari li, fin-nuqqas ta' protezzjoni sħiħa ta' din il-klawżola territorjali, il-proprjetarju tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ma jkunx iktar jista' jikseb ħlasijiet xierqa għal liċenzji min-naħa tal-organizzazzjonijiet tax-xandir peress li x-xandir dirett ta' logħbiet ikun tilef parti mill-valur tiegħu. Fil-fatt, l-organizzazzjonijiet tax-xandir ma għandhomx interess jiksbu liċenzji barra mit-territorju tal-Istat Membru tat-trażmissjoni. Ksib ta' liċenzji għat-territorji nazzjonali kollha fejn jirresjedu klijenti potenzjali ma huwiex interessanti mill-perspettiva finanzjarja, minħabba l-prezz għoli ħafna ta' tali liċenzji. Għalhekk, dawn l-organizzazzjonijiet jiksbu l-liċenzji sabiex juru x-xogħlijiet ikkonċernati fit-territorju ta' Stat Membru wieħed. Issa, dawn huma lesti li jagħmlu ħlas sostanzjali sakemm ikollhom il-garanzija ta' esklużività territorjali peress li din

tippermettilhom jiddistingwu ruħhom mill-kompetituri tagħhom u b'hekk jattiraw iktar klijenti.

92 QC Leisure *et*, K. Murphy, il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-sorveljanza EFTA jsostnu li tali restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' xandir ma tistax tiġi ġġustifikata, peress li din twassal għall-qsim f'kompartimenti tas-suq intern.

— Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

93 Sabiex tiġi eżaminata l-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, għandu jiġi mfakkar li restrizzjoni għal libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat tista' tiġi ġġustifikata biss meta din tkun ġustifikabbli permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sa fejn din tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex minnha u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tinkiseb (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2009, UTECA, C-222/07, Ġabra p. I-1407, punt 25, u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 Fir-rigward ta' ġustifikazzjoni li jistgħu jiġu aċċettati, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata, b'mod partikolari, għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jikkonsistu fil-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Marzu 1980, Coditel *et*, imsejħa "Coditel I", 62/79, Ġabra p. 881, punti 15 u 16, kif ukoll tal-20 ta' Jannar 1981, Musik-Vertrieb membran u K-tel International, 55/80 u 57/80, Ġabra p. 147, punti 9 u 12).

95 Għalhekk, għandu qabelxejn jiġi ddeterminat jekk FAPL tistax tinvoka tali drittijiet li jistgħu jiġġustifikaw il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxi protezzjoni favur tagħha li tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

96 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li FAPL ma tistax issostni dritt tal-awtur fuq il-logħbiet tal-"Premier League" stess, peress li dawn ma humiex klassifikabbli bħala xogħlijiet.

97 Fil-fatt, sabiex jassumi tali klassifikazzjoni, jeħtieġ li l-oġġett ikkonċernat ikun oriġinali fis-sens li jikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali tal-awtur tiegħu stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International, C-5/08, Ġabra p. I-6569, punt 37).

98 Issa, il-logħbiet sportivi ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma kreazzjonijiet intellettwali klassifikabbli bħala xogħol fis-sens tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur. Dan japplika, b'mod partikolari, għal-logħob tal-futbol, li jsir taħt regoli tal-logħob, li ma jħallix post għal libertà kreattiva fis-sens tad-drittijiet tal-awtur.

99 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn il-logħbiet ma jistgħux ikunu protetti fuq il-bażi tad-drittijiet tal-awtur. Barra minn hekk, huwa stabbilit li d-dritt tal-Unjoni ma jagħtihom ebda protezzjoni fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.

100 Madankollu, il-logħbiet sportivi, bħala tali, huma ta' natura unika u, minn daqshekk, oriġinali, li tista' tittrasformahom f'oġġetti denji għal protezzjoni paragunabbli mal-protezzjoni tax-xogħlijiet, filwaqt li din il-protezzjoni tista' tingħata, fejn applikabbli, mid-diversi ordinamenti ġuridiċi interni.

101 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 165(1) TFUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija 'l quddiem tal-kwistjonijiet Ewropej tal-isport, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tiegħu, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq il-volontarjat u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu.

102 F'dawn iċ-ċirkustanzi, Stat Membru jista' jipproteġi l-logħbiet sportivi, fejn applikabbli fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, billi jistabbilixxi leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika, jew billi jirrikonoxxi, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, protezzjoni mogħtija lil dawn il-logħbiet permezz ta' strumenti kuntrattwali konklużi bejn il-persuni li għandhom id-dritt li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-kontenut awdjoviżiv ta' dawn il-logħbiet u l-persuni li jixtiequ jxandru dan il-kontenut lill-pubbliku fuq għażla tagħhom.

103 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-eżerċizzju ta' din il-fakultà minn Stat Membru sa fejn huwa jirreferi, fil-wieħed u għoxrin-il premessa tad-Direttiva 97/36, għal avvenimenti organizzati minn organizzatur li għandu legalment id-dritt li jbigħ id-drittijiet marbuta ma' dan l-avveniment.

104 Għaldaqstant, fil-każ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata hija intiża sabiex tipprovdi protezzjoni għal-logħbiet sportivi — li huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika — id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala regola, tali protezzjoni u tali leġiżlazzjoni tista' għalhekk tiġġustifika restrizzjoni għall-moviment liberu tas-servizzi bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

105 Madankollu, jibqa' meħtieġ li tali restrizzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza UTECA, iċċitata iktar 'il fuq, punti 31 u 36).

106 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li derogi għall-prinċipju tal-moviment liberu jistgħu jiġu aċċettati biss sa fejn dawn ikunu ġġustifikati mis-salvagwardja tad-drittijiet li jikkostitwixxu l-għan speċifiku tal-proprjetà intellettwali kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Rioglass u Transremar, C-115/02, Ġabra p. I-12705, punt 23, u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Fuq dan il-punt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dan l-għan speċifiku huwa intiż b'mod partikolari li jiżgura lill-proprjetarji ta' drittijiet ikkonċernati l-protezzjoni tal-fakultà li jieħdu vantaġġ kummerċjalment mit-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni jew mit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' oġġetti protetti, billi jagħtu liċenzji għall-ħlas ta' remunerazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Musik-Vertrieb membran u K-tel International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 12, kif ukoll tal-20 ta' Ottubru 1993, Phil Collins *et*, C-92/92 u C-326/92, Ġabra p. I-5145, punt 20).

108 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li tali għan speċifiku ma jiggarantix lill-proprjetarji ta' drittijiet ikkonċernati l-possibbiltà li jitolbu l-ogħla remunerazzjoni possibbli. Fil-fatt, b'mod konformi ma' dan l-għan, huwa biss żgurat lilhom — kif previst fl-għaxar premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u l-ħames premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet relatati — remunerazzjoni xierqa għal kull użu tal-oġġetti protetti.

109 Issa, sabiex tkun xierqa, tali remunerazzjoni għandu jkollha rabta raġonevoli mal-valur ekonomiku tas-servizz ipprovdut. B'mod partikolari, din għandu jkollha rabta raġonevoli man-numru reali jew potenzjali ta' persuni li jgawdu minnu jew li jixtiequ li jgawdu minnu (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-22 ta' Settembru 1998, FDV, C-61/97, Ġabra p. I-5171, punt 15, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2008, Kanal 5 u TV 4, C-52/07, Ġabra p. I-9275, punti 36 sa 38).

110 Għalhekk, fil-qasam ta' xandir televiżiv, tali remunerazzjoni għandha b'mod partikolari jkollha — bħalma tikkonferma s-sbatax-il premessa tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita — rabta raġonevoli mal-parametri tat-trażmissjonijiet ikkonċernati bħalma huma l-udjenza attwali, l-udjenza potenzjali u l-verżjoni tal-lingwa (ara, f'dan is-sens,

is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, Lagardère Active Broadcast, C-192/04, Ġabra p. I-7199, punt 51).

111 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat, qabelxejn, li l-proprjetarji tad-drittijiet inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jirċievu remunerazzjoni għax-xandir ta' oġġetti protetti min-naħa tal-Istat Membru tat-trażmissjoni li fih l-att ta' xandir huwa mistenni li jsir, b'mod konformi mal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita, u li fih ir-remunerazzjoni xierqa hija għalhekk dovuta.

112 Imbagħad, għandu jiġi rrilevat li fil-ftehim ta' tali remunerazzjoni bejn il-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet tax-xandir, fl-ambitu ta' bejgħ wara sejħa għal offerti, xejn ma jipprekludi lill-proprjetarju tad-drittijiet involut milli jitlob, f'dik l-okkażjoni, ammont li jieħu inkunsiderazzjoni l-udjenza attwali u l-udjenza potenzjali kemm fl-Istat Membru tat-trażmissjoni u kif ukoll f'kull Stat Membru ieħor li fih it-trażmissjonijiet li jinkludu l-oġġetti protetti jiġu wkoll irċevuti.

113 F'dan ir-rigward, għandu b'mod partikolari jiġi mfakkar li r-riċezzjoni ta' xandir bis-satellita, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, hija kkundizzjonata bil-pussess ta' apparat ta' dekodifikazzjoni. Konsegwentement, huwa għalhekk fi grad ta' eżattezza għoli li huwa possibbli li jiġi ddeterminat it-total ta' telespettaturi li jifformaw parti mill-udjenza attwali u potenzjali tat-trażmissjoni kkonċernata, u għalhekk tat-telespettaturi li jirresjedu kemm fl-Istat Membru tat-trażmissjoni u kif ukoll barra minnu.

114 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-ħlas supplementari li jsir mill-organizzazzjonijiet tax-xandir għall-għoti ta' esklużività territorjali, ċertament ma jistax jiġi eskluż li l-ammont tar-remunerazzjoni xierqa għandu jirrifletti wkoll in-natura partikolari tax-xandiriet ikkonċernati, jiġifieri l-esklużività territorjali tagħhom, b'tali mod li ammont supplementari jista' jitħallas fuq din il-bażi.

115 Madankollu, fil-każ ineżami, tali ammont supplementari jitħallas lill-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati bil-għan li tiġi ggarantita esklużività assoluta li hija ta' natura li twassal għal differenzi fil-prezzijiet artifiċjali bejn is-swieq nazzjonali maqsuma f'kompartimenti. Issa, tali qsim u tali differenza artifiċjali fil-prezzijiet li hija r-riżultat ta' dan il-qsim huma inkonċiljabbli mal-għan essenzjali tat-trattat, li huwa r-realizzazzjoni tas-suq intern. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmi ammont supplementari ma jistax jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi parti mir-remunerazzjoni xierqa li għandha tiġi żgurata lill-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati.

116 Konsegwentement, il-ħlas ta' tali ammont supplementari jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat lil dawn il-proprjetarji remunerazzjoni xierqa.

117 Fid-dawl tal-premess, għandu jiġi konkluż li r-restrizzjoni li tikkonsisti fil-projbizzjoni tal-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin ma tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

118 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkonfutata mis-sentenza Coditel I, iċċitata iktar 'il fuq, li ġiet invokata minn FAPL *et* kif ukoll minn MPS insostenn tal-argumentazzjoni tagħhom. Ċertament, fil-punt 16 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-regoli tat-trattat ma jistgħux, bħala prinċipju, jostakolaw il-limiti ġeografiċi miftiehma mill-partijiet għall-kuntratti ta' ċessjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jipproteġu lill-awtur u lis-suċċessuri tad-drittijiet tiegħu, u li l-fatt biss li l-limiti ġeografiċi inkwistjoni jikkoinċidu, fejn applikabbli, mal-fruntieri tal-Istati Membri ma jeżiġix pożizzjoni differenti.

119 Madankollu, dawn il-konstatazzjonijiet saru f'kuntest li ma huwiex paragunabbli għal dak tal-każijiet inkwistjoni tal-kawżi prinċipali. Fil-fatt, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Coditel I, iċċitata iktar 'il fuq, il-kumpanniji tat-distribuzzjoni televiżiva

għamlu komunikazzjoni ta' xogħol lill-pubbliku mingħajr ma kellhom, fl-Istat Membru tal-post ta' oriġini ta' din il-komunikazzjoni, awtorizzazzjoni mill-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati u mingħajr ma ħallsu remunerazzjoni għalihom.

120 Min-naħa l-oħra, fil-każijiet inkwistjoni tal-kawżi prinċipali, l-organizzazzjonijiet tax-xandir iwettqu atti ta' komunikazzjoni lill-pubbliku meta għandhom proprju fl-Istat Membru ta' trażmissjoni, li huwa l-Istat Membru tal-lok ta' oriġini ta' din il-komunikazzjoni, awtorizzazzjoni min-naħa tal-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati, u jħallsu remunerazzjoni lil dawn tal-aħħar, filwaqt li din ir-remunerazzjoni tista' wkoll tieħu inkunsiderazzjoni l-udjenza attwali u potenzjali fl-Istati Membri l-oħra.

121 Fl-aħħar nett, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni li seħħ, b'mod partikolari, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva "televiżjoni mingħajr fruntieri" u ta' dik dwar ix-xandir bis-satellita li huma intiżi sabiex jiżguraw li s-swieq nazzjonali jsiru suq uniku ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni ta' programmi.

iv) Fuq il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi permezz tal-għan li tiġi inkoraġġita l-preżenza tal-pubbliku fl-istejdjums tal-futbol

122 FAPL *et* u kif ukoll MPS isostnu, sussidjarjament, li r-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali hija neċessarja sabiex tiżgura l-osservanza tar-regola msejħa ta' "perijodu ta' esklużjoni" li tipprojbixxi x-xandir fir-Renju Unit ta' logħbiet tal-futbol nhar ta' Sibt wara nofsinhar. Din ir-regola għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-preżenza tal-pubbliku fl-istejdjums matul il-partiti tal-futbol, b'mod partikolari dawk li jaqgħu f'diviżjonijiet iktar baxxi, billi dan l-għan partikolari ma jkunx jista' jintlaħaq, skont FAPL *et* u MPS, jekk it-telespettaturi fir-Renju Unit ikunu jistgħu liberament jaraw il-logħbiet tal-"Premier League" imxandra mill-organizzazzjonijiet tax-xandir minn Stati Membri oħra.

123 F'dan ir-rigward, jekk stess jitqies li l-għan li tiġi inkoraġġita din il-preżenza tal-pubbliku fl-istejdjums tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-osservanza ta' din ir-regola tista' tiġi żgurata, fi kwalunkwe każ, permezz ta' limitazzjoni kuntrattwali integrata fil-kuntratt ta' liċenzjar bejn il-proprjetarji tad-drittijiet u l-organizzazzjonijiet tax-xandir, li skonthom dawn l-organizzazzjonijiet ikunu marbuta li ma jxandrux dawn il-logħbiet tal-"Premier League" matul il-perijodi ta' esklużjoni. Issa, ma jistax jiġi kkontestat li tali miżura twassal għal inqas ħsara għal-libertajiet fundamentali mill-applikazzjoni tar-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali.

124 Minn dan isegwi li r-restrizzjoni li tikkonsisti fil-projbizzjoni tal-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin ma tistax tiġi ġġustifikata mill-għan li tiġi inkoraġġita l-preżenza tal-pubbliku fl-istejdjums tal-futbol.

125 Fid-dawl ta' dan kollu premess, għad-domandi mressqa għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li trendi illeċiti l-importazzjoni, il-bejgħ u l-użu f'dan l-Istat ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin li jippermettu l-aċċess għal servizz ikkowdjat ta' xandir bis-satellita li joriġina minn Stat Membru ieħor u li jinkludi oġġetti protetti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-ewwel Stat.

b) Fuq l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin wara l-indikazzjoni ta' identità falza u ta' indirizz falz u fuq l-użu ta' dawn l-apparati għal finijiet kummerċjali [id-domanda 8(c) fil-Kawża C-403/08 u d-domanda 6(ii) u (iii) fil-Kawża C-429/08]

126 Permezz tad-domandi tagħhom, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-konklużjoni pprovduta fil-punt 124 ta' din is-sentenza hijiex ikkonfutata

biċ-ċirkustanzi li, minn naħa, l-apparat ta' dekodifikazzjoni barrani nkiseb jew ġie attivat permezz tal-indikazzjoni ta' identità falza u ta' indirizz falz, bl-intenzjoni li tinqabeż ir-restrizzjoni territorjali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali u, min-naħa l-oħra, li dan l-apparat jintuża għal finijiet kummerċjali meta dan kien intiż għal użu ta' natura privata.

127 Fir-rigward tal-ewwel ċirkustanza, ċertament din jista' jkollha effetti fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-akkwirent li jkun indika identità falza u indirizz falz u l-persuna li tipprovdi dan l-apparat, peress li din tkun tista' partikolarment titlob danni mingħand dan l-akkwirent fil-każ fejn l-identità falza u l-indirizz falz, li dan tal-aħħar ikun indika, jikkawżawlu dannu jew jirrenduha responsabbli fil-konfront ta' organizzazzjoni bħalma hija FAPL. Min-naħa l-oħra, tali ċirkustanza ma tikkonfutax il-konklużjoni pprovduta fil-punt 125 ta' din is-sentenza, peress li din ma għandhiex effett fuq in-numru ta' utenti li jkunu ħallsu għar-riċezzjoni tat-trażmissjonijiet.

128 L-istess huwa applikabbli għat-tieni ċirkustanza meta l-apparat ta' dekodifikazzjoni jintuża għal finijiet kummerċjali meta dan ikun ġie intiż għal użu ta' natura privata.

129 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li xejn ma jippreskludi li l-ammont tar-remunerazzjoni miftiehem bejn il-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet tax-xandir jiġi kkalkulat fid-dawl tal-fatt li ċerti klijenti jużaw l-apparati ta' dekodifikazzjoni b'mod kummerċjali filwaqt li oħrajn jużawh b'mod privat.

130 B'riflessjoni ta' din iċ-ċirkustanza fuq il-klijenti tagħha, l-organizzazzjoni tax-xandir tista' għalhekk titlob ħlas differenti għall-aċċess għas-servizzi tagħha skont jekk dan l-aċċess ikollux għan kummerċjali jew privat.

131 Issa, jirriżulta li r-riskju li ċerti persuni jużaw apparati ta' dekodifikazzjoni barranin bi ksur tal-għan intiż għalihom huwa paragunabbli għal dak li jkun hemm fil-każ tal-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni fis-sitwazzjonijiet purament interni, jiġifieri fil-każ ta' użu mill-klijenti residenti fit-territorju tal-Istat Membru tat-trażmissjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni ċirkustanza hawn fuq imsemmija ma tistax tiġġustifika restrizzjoni territorjali għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u għalhekk, din ma tikkonfutax il-konklużjoni li tinsab fil-punt 125 ta' din is-sentenza. Dan ma jippreġudikax, madankollu, l-evalwazzjoni ġuridika — mill-perspettiva tad-drittijiet tal-awtur — tal-użu tat-trażmissjonijiet bis-satellita għal finijiet kummerċjali wara li dawn jiġu rċevuti, billi din l-evalwazzjoni saret fit-tieni parti ta' din is-sentenza.

132 Fid-dawl tal-premess, għad-domandi mressqa għandha tingħata r-risposta li l-konklużjoni li saret fil-punt 125 ta' din is-sentenza ma hijiex ikkonfutata la miċ-ċirkustanza li l-apparat ta' dekodifikazzjoni barrani nkiseb jew ġie attivat permezz tal-indikazzjoni ta' identità falza u ta' indirizz falz, bl-intenzjoni li tinqabeż ir-restrizzjoni territorjali inkwistjoni u lanqas miċ-ċirkustanza li dan l-apparat huwa użat għal finijiet kummerċjali meta kien intiż għal użu ta' natura privata.

(c) Fuq id-domandi l-oħra dwar il-moviment liberu (it-tieni parti tad-disa' domanda fil-Kawża C-403/08 u s-seba' domanda fil-Kawża C-429/08)

133 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għad-domanda 8(b) u għall-ewwel parti tad-disa' domanda fil-Kawża C-403/08, kif ukoll għad-domanda 6(i) fil-Kawża C-429/08, ma hemmx għalfejn isir eżami tat-tieni parti tad-disa' domanda fil-Kawża C-403/08 u tas-seba' domanda fil-Kawża C-429/08.

4. Ir-regoli tat-Trattat FUE fil-qasam tal-kompetizzjoni

134 Permezz tal-għaxar domanda fil-Kawża C-403/08 u permezz tat-tmien domanda fil-Kawża C-429/08, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-klawżoli ta' kuntratt ta' liċenzjar esklużiv konkluż bejn proprjetarju ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u organizzazzjoni tax-xandir jikkostitwixxux restrizzjoni għall-kompetizzjoni pprojbita mill-Artikolu 101 TFUE, peress li dawn jimponu l-obbligu fuq din l-organizzazzjoni tal-aħħar li ma tipprovdix apparati ta' dekodifikazzjoni li jrendu l-aċċess għall-oġġetti protetti minn dan il-proprjetarju barra mit-territorju kopert mill-kuntratt ta' liċenzjar ikkonċernat.

135 Qabelxejn, għandu jitfakkar li ftehim jaqa' taħt il-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 101(1) TFUE meta dan għandu bħala għan jew bħala effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Ir-rabta alternattiva bejn dawn it-tnejn timplika li, fl-ewwel lok, għandha tiġi stabbilita l-preżenza ta' kriterju wieħed, fil-każ ineżami tal-għan tal-ftehim. Huwa biss fit-tieni lok, meta l-analiżi tal-kontenut tal-ftehim ma jurix grad suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni, li għandu jsir eżami tal-effetti u, sabiex dan jiġi pprojbit, jiġu sodisfatti l-elementi li jistabbilixxu li kien hemm, fil-fatt, prevenzjoni jew restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni b'mod sostanzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, Ġabra p. I-4529, punt 28, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2009, GlaxoSmithKline Services et vs Il-Kummissjoni *et*, C-501/06 P, C-513/06 P, C-515/06 P u C-519/06 P, Ġabra p. I-9291, punt 55).

136 Issa, għall-evalwazzjoni tal-għan possibbilment antikompetittiv ta' ftehim, għandhom jiġu eżaminati b'mod partikolari l-kontenut tad-dispożizzjonijiet tiegħu, l-għanijiet li jrid jipprova jilħaq, kif ukoll il-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih huwa japplika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni et, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

137 Fir-rigward tal-kuntratti ta' liċenzjar ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-sempliċi ċirkustanza li tindika li l-proprjetarju ta' drittijiet ikkonċeda lil persuna awtorizzata waħda d-dritt esklużiv ta' xandir ta' oġġett protett minn Stat Membru, u għalhekk il-projbizzjoni tax-xandir tagħha minn oħrajn, matul perijodu determinat, ma hijiex suffiċjenti sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat li tali ftehim għandu għan antikompetittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Coditel *et*, imsejħa "Coditel II", 262/81, Ġabra p. 3381, punt 15).

138 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u b'mod konformi mal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita, proprjetarju ta' drittijiet jista' jikkonċedi, bħala regola ġenerali, lil persuna awtorizzata waħda d-dritt esklużiv ta' xandir bis-satellita, matul perijodu determinat, ta' oġġett protett minn Stat Membru tat-trażmissjoni wieħed jew minn diversi Stati Membri.

139 Madankollu, fir-rigward tal-limitazzjonijiet territorjali tal-eżerċizzju ta' tali dritt, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ftehim li għandu tendenza li jirrikostitwixxi l-qsim f'kompartimenti tas-swieq nazzjonali jista' jmur kontra l-għan tat-trattat li tinkiseb l-integrazzjoni ta' dawn is-swieq bl-istabbiliment ta' suq uniku. Għalhekk, kuntratti intiżi li jaqsmu s-swieq nazzjonali skont il-fruntieri nazzjonali jew li jrendu d-dħul fis-swieq nazzjonali iktar diffiċli għandhom jiġu kkunsidrati, bħala regola ġenerali, ftehim li għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE (ara bħala analoġija, fil-qasam tal-prodotti mediċinali, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2008, Sot. Lélos kai Sia *et*, C-468/06 sa C-478/06, Ġabra p. I-7139, punt 65, kif ukoll GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 59 u 61).

140 Peress li din il-ġurisprudenza tapplika bis-sħiħ fil-qasam tal-provvista transkonfinali tas-servizzi tax-xandir, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 118 sa 121 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li, meta kuntratt ta' liċenzjar ikun intiż li jipprojbixxi jew jillimita l-provvista transkonfinali tas-servizzi tax-xandir, dan jitqies li għandu

l-għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, sakemm ċirkustanzi oħra li jaqgħu fil-kuntest ekonomiku u ġuridiku tiegħu ma jippermettux li jiġi kkonstatat li tali kuntratt ma jistax joħloq ħsara għall-kompetizzjoni.

141 Fil-każijiet inkwistjoni tal-kawżi prinċipali, l-għoti stess ta' liċenzji esklużivi għax-xandir ta' logħbiet tal-"Premier League" ma huwiex ikkontestat. Fil-fatt, dawn il-kawżi ttrattaw biss l-obbligi supplementari intiżi sabiex jiżguraw l-osservanza tal-limitazzjonijiet territorjali tal-użu ta' dawn il-liċenzji inklużi fil-klawżoli tal-kuntratti konklużi bejn il-proprjetarji tad-drittijiet u l-organizzazzjonijiet tax-xandir ikkonċernati, jiġifieri l-obbligu ta' dawn l-organizzazzjonijiet li ma jipprovdux apparati ta' dekodifikazzjoni li jippermettu l-aċċess għall-oġġetti protetti bil-għan li jintużaw barra mit-territorju kopert mill-kuntratt ta' liċenzjar.

142 Fir-rigward ta' dawn il-klawżoli, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li dawn jipprekludu lix-xandara milli jipprovdu b'mod transkonfinali s-servizzi marbuta ma' dawn il-logħbiet, u dan jippermetti li kull xandar jingħata esklużività territorjali assoluta fiż-żona koperta bil-liċenzja tiegħu, u li b'hekk tiġi eliminata kull kompetizzjoni bejn id-diversi xandara fil-qasam ta' dawn is-servizzi.

143 Min-naħa l-oħra, FAPL *et* u MPS ma invokaw ebda ċirkustanza li taqa' fil-kuntest ekonomiku u ġuridiku ta' dawn il-klawżoli li tippermetti li jiġi kkonstatat li, minkejja l-kunsiderazzjonijiet li saru fil-punt preċedenti, dawn il-klawżoli ma jistgħux joħolqu ħsara għall-kompetizzjoni u ma għandhomx, għalhekk, għan antikompetittiv.

144 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba dawn il-klawżoli tal-kuntratti ta' liċenzjar esklużiv għandhom għan antikompetittiv, għandu jiġi konkluż li huma jikkostitwixxu restrizzjoni għall-kompetizzjoni pprojbita fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

145 Għandu jingħad ukoll li jekk, bħala regola ġenerali, l-Artikolu 101(1) TFUE ma japplikax għal ftehim li jaqa' fil-kategoriji speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, peress li klawżoli ta' kuntratti ta' liċenzjar bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma humiex konformi mar-rekwiżiti previsti minn dan l-aħħar paragrafu għar-raġunijiet speċifikati fil-punti 105 sa 124 ta' din is-sentenza, l-ipoteżi talinapplikabbiltà tal-Artikolu 101(1) TFUE ma hijiex għalhekk stabbilita.

146 Fid-dawl tal-premess, għad-domandi mressqa għandha tingħata r-risposta li l-klawżoli ta' kuntratt ta' liċenzjar esklużiv konkluż bejn proprjetarju ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u organizzazzjoni tax-xandir jikkostitwixxu restrizzjoni għallkompetizzjoni pprojbita mill-Artikolu 101 TFUE peress li dawn jimponu l-obbligu fuq din l-organizzazzjoni tal-aħħar li ma tipprovdix apparati ta' dekodifikazzjoni li jippermettu l-aċċess għall-oġġetti protetti ta' dan il-proprjetarju bil-għan li dawn jintużaw barra mit-territorju kopert minn dan il-kuntratt ta' liċenzjar.

B — *Fuq ir-regoli marbuta mal-użu tat-trażmissjonijiet wara r-riċezzjoni tagħhom*

1. Osservazzjonijiet preliminari

147 It-tieni parti tad-domandi preliminari tirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk ir-riċezzjoni tat-trażmissjonijiet li jinkludu l-logħbiet tal-"Premier League" kif ukoll ix-xogħlijiet konnessi hijiex suġġetta għal restrizzjoni taħt id-direttivi dwar id-drittijiet tal-awtur u dwar id-drittijiet relatati minħabba l-fatt li din twassal għal riproduzzjonijiet ta' dawn ix-xogħlijiet fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni kif ukoll

minħabba l-wiri ta' dawn ix-xogħlijiet lill-pubbliku mill-proprjetarji tal-kafetteriji-ristoranti inkwistjoni.

148 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 37 sa 57 ta' din is-sentenza, żewġ kategoriji ta' persuni jistgħu jsostnu drittijiet ta' proprjetà intellettwali fir-rigward ta' trażmissjonijiet televiżivi bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, jiġifieri, minn naħa, l-awturi tax-xogħlijiet ikkonċernati u, min-naħa l-oħra, l-organizzazzjonijiet tax-xandir.

149 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-awturi, dawn jistgħu jistrieħu fuq id-drittijiet tal-awtur li huma marbuta max-xogħlijiet użati fl-ambitu ta' dawn it-trażmissjonijiet. Fil-kawżi prinċipali, huwa paċifiku li FAPL tista' ssostni drittijiet tal-awtur fuq diversi xogħlijiet inklużi f'dawn it-trażmissjonijiet imxandra, jiġifieri, b'mod partikolari, fuq is-sekwenza vidjo tal-ftuħ, fuq l-innu tal-"Premier League", fuq filmati rrekordjati minn qabel li juru l-aħjar mumenti ta' logħbiet reċenti tal-"Premier League" jew fuq diversi xogħlijiet ta' grafika.

150 Fir-rigward, imbagħad, tal-organizzazzjonijiet tax-xandir bħal Multichoice Hellas, dawn jistgħu jinvokaw id-dritt li jiffissaw it-trażmissjonijiet tagħhom previst fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva dwar id-drittijiet relatati, jew id-dritt li jikkomunikaw lill-pubbliku t-trażmissjonijiet tagħhom ipprovdut fl-Artikolu 8(3) ta' din l-istess direttiva jew id-dritt li jirriproduċu l-iffissar tat-trażmissjonijiet tagħhom, ikkonfermat mill-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

151 Madankollu, id-domandi mressqa fil-kawżi prinċipali ma jinvolvux tali drittijiet.

152 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżami tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi limitat għall-Artikoli 2(a), 3(1) u 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li jipproteġu d-drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħlijiet użati fil-kuntest tat-trażmissjonijiet televiżivi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, jiġifieri, b'mod partikolari, fuq is-sekwenza vidjo tal-ftuħ, fuq l-innu tal-"Premier League", fuq il-filmati rrekordjati minn qabel li juru l-aħjar mumenti ta' logħbiet reċenti tal-"Premier League" jew fuq diversi xogħlijiet ta' grafika.

2. Fuq id-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (ir-raba' domanda fil-Kawża C-403/08)

153 B'din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dritt ta' riproduzzjoni jestendi għall-kreazzjoni ta' frammenti tranżitorji ta' xogħlijiet fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni li jiġu wara xulxin u jitħassru immedjatament u jiġu ssostwiti mill-frammenti sussegwenti. F'dan il-kuntest, hija tistaqsi, b'mod partikolari, jekk l-evalwazzjoni tagħha għandhiex issir b'riferiment għall-frammenti kollha li jikkostitwixxu total jew biss b'riferiment għal dawk eżistenti f'mument partikolari.

154 Qabelxejn, għandu jiġi mfakkar li l-kunċett ta' "riproduzzjoni" li jidher fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva huwa kunċett tad-dritt tal-Unjoni li għandu jkollu, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi (sentenza Infopaq International, iċċitata iktar 'il fuq, punti 27 sa 29).

155 Fir-rigward tal-kontenut tiegħu, diġà ġie rrilevat, fil-punt 97 ta' din is-sentenza, li d-drittijiet tal-awtur fis-sens tal-imsemmi Artikolu 2(a) jistgħu jiġu applikati biss fir-rigward ta' oġġett li jikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali tal-awtur tagħha stess (sentenza Infopaq International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

156 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-partijiet differenti ta' xogħol jibbenefikaw minn protezzjoni taħt l-imsemmija dispożizzjoni kemm-il darba dawn ikunu jinkludu elementi li huma l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess ta' dan ix-xogħol (sentenza Infopaq International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

157 Dan jimplika li għandu jiġi eżaminat it-total kompost mill-frammenti riprodotti simultanjament — eżistenti għalhekk f'mument partikolari — sabiex jiġi vverifikat jekk dan jinkludix tali elementi. Jekk dan ikun il-każ, dan it-total għandu jiġi kklassifikat bħala riproduzzjoni parzjali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Infopaq International, iċċitata iktar 'il fuq, punti 45 u 46). F'dan ir-rigward, ma huwiex rilevanti li jiġi stabbilit jekk xogħol huwiex riprodott permezz ta' frammenti lineari li jista' jkollhom eżistenza effimera peress li dawn jiġu mħassra immedjatament fl-ambitu ta' proċess tekniku.

158 Huwa fid-dawl tal-premess li l-qorti tar-rinviju għandha tevalwa jekk il-kreazzjoni ta' frammenti tranżitorji ta' xogħlijiet fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni twassalx għal riproduzzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

159 Konsegwentement, għad-domanda mressqa għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt ta' riproduzzjoni jestendi għall-frammenti tranżitorji tax-xogħlijiet fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni, kemm-il darba dawn il-frammenti jkollhom elementi li jkunu l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awturi kkonċernati stess, filwaqt li t-total kompost mill-frammenti riprodotti simultanjament għandu jiġi eżaminat sabiex jiġi vverifikat jekk dan jinkludix tali elementi.

3. Fuq l-eċċezzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (il-ħames domanda fil-Kawża C-403/08)

160 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-atti ta' riproduzzjoni bħalma huma dawk inkwistjoni fil-Kawża C-403/08, li jsiru fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni, jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u, għalhekk, jekk dawn l-atti jistgħux isiru mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

(a) Osservazzjonijiet preliminari

161 Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, att ta' riproduzzjoni huwa eżentat mid-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2 tagħha biss jekk huwa jissodisfa ħames kundizzjonijiet, jiġifieri meta:

— dan l-att huwa temporanju;

— huwa tranżitorju jew inċidentali;

— jikkostitwixxi parti integrali u essenzjali ta' proċess tekniku;

— l-iskop ta' dan il-proċess huwa li jippermetti trażmissjoni f'netwerk bejn terzi minn intermedjarju jew użu legali ta' xogħol jew oġġett protett, u

— l-imsemmi att ma għandux sinjifikat ekonomiku indipendenti.

162 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kundizzjonijiet elenkati hawn fuq għandhom ikunu suġġetti għal interpretazzjoni stretta peress li l-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva jikkostitwixxi deroga għar-regola ġenerali stabbilita minnha li teżiġi li l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur għandu jawtorizza kull riproduzzjoni tax-xogħol protett tiegħu (sentenza Infopaq International, iċċitata iktar 'il fuq, punti 56 u 57).

163 Madankollu, l-interpretazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet għandha tippermetti l-protezzjoni tal-effett utli tal-eċċezzjoni hekk stabbilita u l-osservanza tal-għan kif joħroġ b'mod partikolari mill-wieħed u tletin premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u tal-Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 48/2000, stabbilita mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2000 fid-dawl tal-adozzjoni ta' din id-direttiva (ĠU C 344, p. 1).

164 B'mod konformi mal-għan tagħha, din l-eċċezzjoni għandha għalhekk tippermetti u tiżgura l-iżvilupp u l-funzjonament ta' teknoloġiji ġodda, kif ukoll iżżomm bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-interessi tal-proprjetarji ta' drittijiet, min naħa, u l-utenti ta' xogħlijiet protetti li jkunu jixtiequ jibbenefikaw minn dawn it-teknoloġiji ġodda, min-naħa l-oħra.

(b) Fuq l-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur

165 Huwa paċifiku li l-atti ta' riproduzzjoni kkonċernati jissodisfaw l-ewwel tliet kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, peress li dawn huma provviżorji, tranżitorji u jifformaw parti integrali minn proċess tekniku li jsir permezz ta' dekoder tas-satellita u apparat tat-televiżjoni bil-għan li tkun tista' ssir ir-riċezzjoni tat-trażmissjonijiet imxandra.

166 Għaldaqstant, jibqa' biss l-evalwazzjoni tal-osservanza tar-raba' u l-ħames kundizzjonijiet.

167 Fir-rigwrad, qabelxejn, tar-raba' kundizzjoni, għandu l-ewwel jiġi rrilevat li l-atti ta' riproduzzjoni kkonċernati ma humiex intiżi sabiex jippermettu trażmissjoni f'netwerk bejn terzi permezz ta' intermedjarju. Għalhekk, alternattivament, għandu jiġi eżaminat jekk dawn għandhomx l-għan uniku li jippermettu użu leċitu ta' xogħol jew ta' oġġett protett.

168 F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mit-tlieta u tletin premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, użu jitqies li jkun leċitu meta jkun awtorizzat mill-proprjetarju tad-dritt ikkonċernat jew meta dan ma jkunx limitat mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

169 Peress li, fil-kawża prinċipali, l-użu tax-xogħlijiet inkwistjoni ma huwiex awtorizzat mill-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur, għandu għalhekk jiġi evalwat jekk l-atti inkwistjoni humiex intiżi sabiex jippermettu użu ta' xogħlijiet li ma huwiex limitat mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

170 Fuq dan il-punt, huwa paċifiku li dawn l-atti effimeri ta' riproduzzjoni jrendu possibbli funzjonament korrett tad-dekoder tas-satellita u tal-iskrin tat-televiżjoni. Mill-perspettiva tat-telespettaturi, dawn irendu possibbli r-riċezzjoni tat-trażmissjonijiet li jinkludu x-xogħlijiet protetti.

171 Issa, sempliċi riċezzjoni ta' dawn it-trażmissjonijiet bħala tali, jiġifieri l-qbid u l-viżwalizzazzjoni tagħhom, f'ambitu privat, ma tikkostitwixxix att limitat mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew minn dik tar-Renju Unit, kif jirriżulta barra minn hekk mid-dikjarazzjoni tal-ħames domanda preliminari fil-Kawża C-403/08, u għalhekk dan l-att huwa leċitu. Barra minn hekk, mill-punti 77 sa 132 ta' din is-sentenza, jirriżulta li tali riċezzjoni ta' trażmissjonijiet għandha tiġi kkunsidrata leċita fil-każ ta' trażmissjonijiet li joriġinaw minn Stat Membru li ma jkunx dak tar-Renju Unit meta din issir permezz ta' apparat ta' dekodifikazzjoni barrani.

172 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-atti ta' riproduzzjoni għandhom l-għan uniku li jippermettu "użu legali" tax-xogħlijiet fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva dwar id-drittjiet tal-awtur.

173 Għalhekk, l-atti ta' riproduzzjoni, bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jissodisfaw ir-raba' kundizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

174 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-ħames kundizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, għandu jiġi rrilevat li dawn l-atti ta' riproduzzjoni li jsiru fil-kuntest ta' proċess tekniku jrendi l-aċċess għax-xogħlijiet protetti possibbli. Peress li dawn tal-aħħar għandhom valur ekonomiku, l-aċċess għalihom neċessarjament jassumi minħabba f'hekk sinjifikat ekonomiku.

175 Madankollu, sabiex l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur ma tiġix ipprivata mill-effett utli tagħha, dan is-sinjifikat għandu jkun ukoll independenti fis-sens li jmur lil hinn mill-benefiċċju ekonomiku bbażat fuq is-sempliċi riċezzjoni ta' trażmissjoni li tinkludi xogħlijiet protetti, jiġifieri, lil hinn mill-benefiċċju tas-sempliċi qbid u viżwalizzazzjoni tagħha.

176 Fil-kawża prinċipali, l-atti ta' riproduzzjoni provviżorji, li jsiru fil-memorja tad-dekoder tas-satellita u fuq l-iskrin tat-televiżjoni, jifformaw parti inseparabbli u mhux awtonoma tal-proċess ta' riċezzjoni tat-trażmissjonijiet imxandra li jinkludu x-xogħlijiet inkwistjoni. Barra minn hekk, dawn isiru b'mod indipendenti mill-influwenza, anki mill-għarfien, tal-persuni li jkollhom aċċess għax-xogħlijiet protetti.

177 Konsegwentement, dawn l-atti ta' riproduzzjoni provviżorji ma humiex ta' natura li jiġġeneraw benefiċċju ekonomiku supplementari li jmur lil hinn mill-benefiċċju bbażat fuq is-sempliċi riċezzjoni tat-trażmissjonijiet inkwistjoni.

178 Minn dan isegwi li l-atti ta' riproduzzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jiġu kkunsidrati li għandhom sinjifikat ekonomiku indipendenti. Konsegwentement, dawn jissodisfaw il-ħames kundizzjoni prevista fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

179 Din il-konstatazzjoni, kif ukoll dik ipprovduta fil-punt 172 ta' din is-sentenza, huma kkorroborati wkoll mill-għan ta' din id-dispożizzjoni li tiżgura l-iżvilupp u l-funzjonament ta' teknoloġiji ġodda. Fil-fatt, fil-każ li l-atti inkwistjoni ma jkunux ikkunsidrati li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)

tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, it-telespettaturi kollha li jirrikorru għall-apparati moderni, li għall-funzjonament tagħhom jeħtieġu t-twettiq ta' dawn l-atti ta' riproduzzjoni, ikunu pprojbiti milli jirċievu t-trażmissjonijiet li jinkludu xogħlijiet imxandra, fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni min-naħa tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur. Issa, dan jostakola, anki jipparalizza, il-propagazzjoni effettiva jew il-kontribuzzjoni effettiva ta' teknoloġiji ġodda b'mod kuntrarju għar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni kif espressa fil-wieħed u tletin premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

180 Fid-dawl tal-premess, għandu jiġi konkluż li l-atti ta' riproduzzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jissodisfaw il-ħames kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

181 Madankollu, sabiex wieħed ikun jista' jinvoka l-eċċezzjoni prevista mid-dispożizzjoni kkunsidrata, jeħtieġ ukoll li dawn l-atti jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ipprovduti fil-punti 163 sa 179 ta' din is-sentenza, dawn l-atti jissodisfaw ukoll dawn il-kundizzjonijiet tal-aħħar.

182 Konsegwentement, għad-domanda mressqa għandha tingħata r-risposta li l-atti ta' riproduzzjoni bħalma huma dawk inkwistjoni fil-Kawża C-403/08, li jsiru fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u jistgħu għalhekk isiru mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur ikkonċernati.

4. Fuq il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (is-sitt domanda fil-Kawża C-403/08)

183 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri t-trażmissjoni ta' xogħlijiet imxandra, permezz ta' skrin tat-televiżjoni u lawdspikers, lill-klijenti preżenti f'kafetterija-ristorant.

184 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur ma jippreċiżax it-terminu "komunikazzjoni lill-pubbliku" (sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE, C-306/05, Ġabra p. I-11519, punt 33).

185 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita, għandu jiġi ddeterminat is-sens u l-portata tiegħu fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva u fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni interpretata (sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

186 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar, qabelxejn, li d-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur għandha l-għan prinċipali li tistabbilixxi livell għoli ta' protezzjoni favur l-awturi, li tippermettilhom jiksbu remunerazzjoni adegwata għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom, b'mod partikolari f'każ ta' komunikazzjoni lill-pubbliku. Minn dan isegwi li l-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku għandu jinftiehem fis-sens wiesa', kif barra minn hekk jipprovdi b'mod espliċitu t-tlieta u għoxrin premessa ta' din id-direttiva (ara s-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

187 Imbagħad, għandu jiġi rrilevat li, b'mod konformi mal-wieħed u għoxrin premessa tal-imsemmija direttiva, din tal-aħħar hija bbażata fuq prinċipji u regoli diġà stabbiliti mid-direttivi fis-seħħ fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, bħalma hija d-Direttiva 92/100 li ġiet ikkodifikata bid-Direttiva dwar id-drittijiet relatati (ara s-sentenza Infopaq International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

188 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tar-rekwiżiti tal-unità tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u l-koerenza tiegħu, il-kunċetti użati minn dawn id-direttivi kollha għandu jkollhom l-istess sinjifikat, sakemm il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jkunx esprima, f'kuntest leġiżlattiv speċifiku, rieda differenti.

189 Fl-aħħar nett, l-imsemmi Artikolu 3(1) għandu jiġi interpretat, sa fejn possibbli, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-Konvenzjoni ta' Berne u t-Trattat dwar id-drittijiet tal-awtur. Fil-fatt, id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur tipprevedi l-implementazzjoni ta' dan it-trattat li jobbliga, fl-Artikolu 1(4) tiegħu, lill-partijiet kontraenti jikkonformaw ruħhom mal-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta' Berne. L-istess obbligu huwa barra minn hekk previst fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punti 35, 40 u 41, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

190 Huwa fid-dawl ta' dawn it-tliet elementi li għandha ssir l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, u l-evalwazzjoni ta' jekk dan ikoprix it-trażmissjoni tax-xogħlijiet imxandra, permezz ta' skrin tat-televiżjoni u ta' lawdspikers, lill-klijenti preżenti f'kafetterija-ristorant.

191 Fir-rigward, qabelxejn, tal-kunċett ta' komunikazzjoni, mill-Artikolu 8(3) tad-Direttiva dwar id-drittijiet relatati u mill-Artikoli 2(g) u 15 tat-Trattat dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi jirriżulta li tali kunċett jinkludi l-"fatt li

l-ħsejjes jew ir-rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes stabbiliti f'fonogramma jiġu reżi awdibbli għall-pubbliku" u li dan jinkludi x-xandir jew "kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku".

192 B'mod iktar partikolari, u kif l-Artikolu 11 bis(1)(iii) tal-Konvenzjoni ta' Berne jindika b'mod espliċitu, dan il-kunċett jinkludi komunikazzjoni permezz ta' lawdspiker jew bi kwalunkwe strument ieħor li jittrażmetti sinjali, ħsejjes jew immaġni, inkluż — b'mod konformi mal-espożizzjoni tar-raġunijiet tal-proposta għad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur [COM(97) 628 finali] — mezz ta' komunikazzjoni bħalma hija l-espożizzjoni ta' xogħlijiet fuq skrin.

193 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma esprimiex rieda differenti fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u b'mod partikolari fl-Artikolu 3 tagħha (ara l-punt 188 ta' din is-sentenza), il-kunċett ta' komunikazzjoni għandu jinftiehem b'mod wiesa', fis-sens li jinkludi kull trażmissjoni ta' xogħlijiet protetti, indipendentement mill-mod jew mill-proċess tekniku użat.

194 Skont din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li proprjetarju ta' lukanda jwettaq att ta' komunikazzjoni meta jippermetti lill-klijenti tiegħu jaċċedu għax-xogħlijiet imxandra permezz ta' apparati tat-televiżjoni, billi jiddistribwixxi, b'għarfien sħiħ, fil-kmamar tal-lukanda s-sinjal irċevut li jġorr xogħlijiet protetti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tali intervent ma jikkostitwixxix sempliċi mod tekniku sabiex jiggarantixxi jew itejjeb ir-riċezzjoni tat-trażmissjoni oriġinali fiż-żona koperta tagħha, iżda att li mingħajru dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu jgawdu mix-xogħlijiet imxandra, għalkemm jinsabu fi ħdan l-imsemmija żona (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42).

195 Fil-Kawża C-403/08, il-proprjetarju ta' kafetterija-ristorant jippermetti b'mod intenzjonat lill-klijenti preżenti f'dan l-istabbiliment jaċċedu għal trażmissjoni mxandra, li jkollha xogħlijiet protetti, permezz ta' skrin tat-televiżjoni u ta' lawdspikers, ladarba, mingħajr l-intervent ta' dan il-proprjetarju, dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu jgawdu mix-xogħlijiet imxandra, anki jekk dawn ikunu fi ħdan iż-żona ta' kopertura ta' din it-trażmissjoni. Ghalhekk, jirriżulta li ċ-ċirkustanzi ta' tali att huma paragunabbli għal dawk li kienu s-suġġett tas-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq.

196 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-proprjetarju ta' kafetterija-ristorant iwettaq komunikazzjoni, meta jittrażmetti b'mod intenzjonat xogħlijiet imxandra, permezz ta' skrin tat-televiżjoni u ta' lawdspikers, lill-klijenti preżenti f'dan l-istabbiliment.

197 Madankollu, sabiex jiġi rrilevat, fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali, il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, jeħtieġ ukoll li x-xogħol imxandar ikun trażmess lil pubbliku ġdid, jiġifieri lil pubbliku li ma jkunx ittieħed inkunsiderazzjoni mill-awturi tax-xogħlijiet protetti meta awtorizzaw l-użu tagħhom permezz tal-komunikazzjoni lill-pubbliku oriġinali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punti 40 u 42, kif ukoll id-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, Organismos Sillogikis Diacheirisis Dimiourgon Theatrikon kai Optikoakoustikon Ergon, C-136/09, punt 38).

198 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, bl-awtorizzazzjoni tax-xandir tax-xogħlijiet tagħhom, dawn l-awturi jieħdu inkunsiderazzjoni biss, bħala regola ġenerali, lid-detenturi ta' apparati tat-televiżjoni li, individwalment jew fl-ambitu privat jew tal-familja tagħhom, jirċievu s-sinjal u jsegwu t-trażmissjonijiet. Issa, meta trażmissjoni ta' xogħol imxandar issir f'lok aċċessibbli għall-pubbliku bil-ħsieb li jkun hemm iktar pubbliku għand id-detentur tal-apparat tat-televiżjoni sabiex igawdi mis-smigħ u l-viżwalizzazzjoni tax-xogħol, tali intervent intenzjonat għandu jiġi kkunsidrat li huwa att li permezz tiegħu x-xogħol inkwistjoni huwa kkomunikat lil pubbliku ġdid (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41, u d-digriet Organismos

Sillogikis Diacheirisis Dimiourgon Theatrikon kai Optikoakoustikon Ergon, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

199 Dan huwa l-każ meta jkun hemm trażmissjoni tax-xogħlijiet imxandra mill-proprjetarju ta' kafetterija-ristorant lill-klijenti preżenti f'dan l-istabbiliment, peress li dawn il-klijenti jikkostitwixxu pubbliku supplementari li ma tteħidx inkunsiderazzjoni mill-awturi fl-awtorizzazzjoni tax-xandir tax-xogħlijiet tagħhom.

200 Barra minn hekk, sabiex ikun hemm komunikazzjoni lill-pubbliku, ix-xogħol imxandar għandu jkun trażmess lil "pubbliku mhux preżenti fil-post fejn toriġina l-komunikazzjoni", fis-sens tat-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

201 F'dan ir-rigward, mill-Pożizzjoni Komuni Nru 48/2000 hawn fuq imsemmija jirriżulta li din il-premessa ssegwi l-proposta tal-Parlament Ewropew li xtaq jippreċiża, fiha, li l-komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-imsemmija direttiva ma tkoprix "ir-rappreżentazzjonijiet jew eżekuzzjonijiet diretti", kunċett li jirreferi għal dak tar-"rappreżentazzjoni u l-eżekuzzjoni pubblika" previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni ta' Berne, peress li dan il-kunċett tal-aħħar jinkludi l-interpretazzjoni tax-xogħlijiet quddiem il-pubbliku li jkun f'kuntatt fiżiku u dirett mal-awtur jew l-eżekutur ta' dawn ix-xogħlijiet (ara l-Gwida għall-Konvenzjoni ta' Berne, dokument interpretattiv imfassal mill-WIPO li, minkejja n-nuqqas ta' saħħa mandatorja tagħha, tikkontribwixxi madankollu għall-interpretazzjoni ta' din il-konvenzjoni, kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat fil-punt 41 tas-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq).

202 Għalhekk, sabiex tali rappreżentazzjoni u eżekuzzjoni pubblika diretta tiġi eskluża mill-portata tal-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fil-kuntest tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, l-imsemmija tlieta u għoxrin premessa ppreċiżat li l-komunikazzjoni lill-pubbliku tkopri kull komunikazzjoni lill-pubbliku mhux preżenti fil-post tal-oriġini tal-komunikazzjoni.

203 Issa, tali element ta' kuntatt fiżiku u dirett huwa preċiżament nieqes fil-każ ta' trażmissjoni, f'post bħal kafetterija-ristorant, ta' xogħol imxandar permezz ta' skrin tat-televiżjoni u ta' lawdspikers lill-pubbliku preżenti fil-post ta' din it-trażmissjoni iżda mhux fil-post tal-oriġini tal-komunikazzjoni fis-sens tat-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, jiġifieri fil-post tar-rappreżentazzjoni mxandra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

204 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li natura lukrattiva ta' "komunikazjoni" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur ma hijiex irrilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44).

205 F'sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali, ma jistax jiġi kkontestat li, minn naħa, il-proprjetarju jwettaq t-trażmissjoni tax-xogħlijiet imxandra fil-kafetterija-ristorant tiegħu bil-għan li jagħmel profitt u, min-naħa l-oħra, li din it-trażmissjoni tista' tattira klijenti interessati fix-xogħlijiet hekk trażmessi. Konsegwentement, it-trażmissjoni inkwistjoni għandha effett fuq il-klijentela ta' dan l-istabbiliment u, fuq kollox, fuq ir-riżultati ekonomiċi tiegħu.

206 Minn dan isegwi li l-komunikazzjoni lill-pubbliku inkwistjoni għandha natura lukrattiva.

207 Fid-dawl ta' dan kollu premess, għad-domanda mressqa għandha tingħata r-risposta li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri t-trażmissjoni ta' xogħlijiet imxandra, permezz ta' skrin tat-televiżjoni u ta' lawdspikers, lill-klijenti preżenti f'kafetterija-ristorant.

5. Fuq l-effett tad-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita (is-seba' domanda fil-Kawża C-403/08)

208 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita għandhiex effett fuq il-legalità tal-atti ta' riproduzzjoni mwettqa fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni.

209 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li d-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita jipprevedi biss armonizzazzjoni minima ta' ċerti aspetti tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fil-każ ta' komunikazzjoni lill-pubbliku bis-satellita jew b'ritrażmissjoni bil-kejbil ta' trażmissjonijiet li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Issa, b'mod differenti mid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, dawn ir-regoli ta' armonizzazzjoni minima ma jipprovdux elementi għad-determinazzjoni tal-legalità tal-atti ta' riproduzzjoni mwettqa fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-3 ta' Frar 2000, Egeda, C-293/98, Ġabra p. I-629, punti 25 u 26, kif ukoll SGAE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30).

210 Konsegwentement, għad-domanda mressqa għandha tingħata r-risposta li d-Direttiva dwar ix-xandir bis-satellita għandha tiġi interpretata fis-sens li ma għandhiex effett fuq il-legalità tal-atti ta' riproduzzjoni mwettqa fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni.

**IV — Fuq l-ispejjeż**

211 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-kunċett ta' "apparat illeċitu" fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 1998, dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali għandu jiġi interpretat fis-sens li dan la jkopri l-apparati ta' dekodifikazzjoni barranin — li jagħtu aċċess għas-servizzi ta' xandir bis-satellita ta' organizzazzjoni tax-xandir, huma mmanifatturati u kkummerċjalizzati bl-awtorizzazzjoni ta' din l-organizzazzjoni, iżda huma użati, kontra r-rieda ta' din tal-aħħar, barra miż-żona ġeografika li għaliha dawn ngħataw —, la dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz u lanqas dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati.**

2) **L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 98/84/KE ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timpedixxi l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, inklużi dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz jew dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati, peress li tali leġiżlazzjoni ma taqax fil-qasam ikkoordinat minn din id-direttiva.**

3) **L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li**

— **dan l-artikolu jippreskludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li trendi illeċiti l-importazzjoni, il-bejgħ u l-użu f'dan l-Istat ta' apparati ta'**

**dekodifikazzjoni barranin li jippermettu l-aċċess għal servizz ikkowdjat ta' xandir bis-satellita li joriġina minn Stat Membru ieħor u li jinkludi oġġetti protetti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-ewwel Stat,**

— **din il-konklużjoni ma hijiex ikkonfutata la miċ-ċirkustanza li l-apparat ta' dekodifikazzjoni barrani nkiseb jew ġie attivat permezz tal-indikazzjoni ta' identità falza u ta' indirizz falz, bl-intenzjoni li tinqabeż ir-restrizzjoni territorjali inkwistjoni u lanqas miċ-ċirkustanza li dan l-apparat huwa użat għal finijiet kummerċjali meta kien intiż għal użu ta' natura privata.**

4) **Il-klawżoli ta' kuntratt ta' liċenzjar esklużiv konkluż bejn proprjetarju ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u organizzazzjoni tax-xandir jikkostitwixxu restrizzjoni għall-kompetizzjoni pprojbita mill-Artikolu 101 TFUE peress li dawn jimponu l-obbligu fuq din l-organizzazzjoni tal-aħħar li ma tipprovdix apparati ta' dekodifikazzjoni li jippermettu l-aċċess għall-oġġetti protetti ta' dan il-proprjetarju bil-għan li dawn jintużaw barra mit-territorju kopert minn dan il-kuntratt ta' liċenzjar.**

5) **L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt ta' riproduzzjoni jestendi għall-frammenti tranżitorji tax-xogħlijiet fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni, kemm-il darba dawn il-frammenti jkollhom elementi li jkunu l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awturi kkonċernati stess, filwaqt li t-total kompost mill-frammenti riprodotti simultanjament għandu jiġi eżaminat sabiex jiġi vverifikat jekk dan jinkludix tali elementi.**

6) **L-atti ta' riproduzzjoni bħalma huma dawk inkwistjoni fil-Kawża C-403/08, li jsiru fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/29 u jistgħu għalhekk isiru mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur ikkonċernati.**

7) **Il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri t-trażmissjoni ta' xogħlijiet imxandra, permezz ta' skrin tat-televiżjoni u ta' lawdspikers, lill-klijenti preżenti f'kafetterija-ristorant.**

8) **Id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE, tas-27 ta' Settembru 1993, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma għandhiex effett fuq il-legalità tal-atti ta' riproduzzjoni mwettqa fil-memorja ta' dekoder tas-satellita u fuq skrin tat-televiżjoni.**

Firem